
il-Gżejjer
APRIL 1981
Nru. 103




**HIGH PERFORMANCE PLUS DRIVEABILITY**

**HUSKY DYNA**

This husky truck's got the kind of performance it takes to handle the toughest jobs easily. Built super sturdy throughout, with a tough frame, chassis and drivetrain that assure extra durability. And everything's designed and laid out to make the driver's task easier, reduce driver fatigue, increase driver efficiency.

TOYOTA

**debono** Rohan Arch – Zebbug – Tel: 647423




Smile back at Lady Fortune.
Buy your £M1 lottery tickets today.
142 prizes totalling £M88,900 for
May and June.

**May Draw: 1 x £M10,000; 1 x £M4,000; 1 x £M600; 1 x £M200; 1 x £M100; and 20 prizes x £M50 each.**

**June Draw: 1 x £M50,000; 1 x £M10,000; 1 x £M3,000; 1 x £M2,000; 1 x £M1,000; 1 x £M600; 1 x £M400; 10 x £M100 and 100 prizes x £M50 each.**

**CATCH HER SMILE IN TIME
BUY YOUR TICKETS NOW**

*il-Gżejjer*

**APRIL 1981 Nru. 103**

Maħruġ
mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni,
Valletta, Malta

**Seminar dwar it-Telekomunikazzjonijiet ........... 2**
**Korsa Ġdida fil-Marsa ...... 3**
**L-Enerġija ................ 7**
**Imġieba fit-Triq ........... 11**
**Djar għall-Poplu .......... 12**
**Il-Jum Nazzjonali .......... 14**
**Għawdex: Il-Gżira tal-Biedja 16**
**320 Student-Haddiem Ġdid 18**
**Rakkont għat-Tfal ......... 21**
**Għan-Nisa ................ 24**
**Il-Qrati .................. 26**
**Jitkellem l-Avukat ......... 28**



L-iżvilupp kbir f'kull qasam tal-ħajja Maltija f'dawn l-aħħar snin wassal għal domanda akbar ta' l-elettriku. Il-proġett ta' l-estensjoni tal-Power Station huwa parti mill-proġett l-ieħor ta' żvilupp fil-Menqa li jinkludi l-bini ta' *pipeline* u tankijiet ġodda għall-ħażna ferm akbar ta' żejt bħala riżerva għall-ħtiġiet tal-produzzjoni ta' l-enerġija.

*(Ara artiklu dwar l-Enerġija f'paġna 7).*

# Seminar dwar it-Telekomunikazzjonijiet

NHAR it-Tnejn, 23 ta' Frar, il-Ministru Wistin Abela fetaħ uffiċjalment Seminar dwar Tariffi fil-Qasam tat-Telekomunikazzjonijiet organizzat mill-International Telecommunications Union (ITU) bil-koperazzjoni ta' Telemalta.

Is-Seminar, li kien organizzat bħala parti mill-Proġett għall-Mediterran u Lvant Nofsani, attendew għalih mas-70 delegat mill-Alġerija, Sawdi Arabja, Bahrain, Ċipru, Djibuti, Eġittu, Emirati Għarab Magħquda, Ethiopia, Kuwait, Lebanon, Gordan, Marokk, Mawritanja, Libja, Sudan, Somalia, Oman, Tuneżija, Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Yemen, l-Għaqda għall-Ħelsien tal-Palestina, l-Għaqda Għarbija tat-Telekomunikazzjoni u Malta. Ma' dawn id-delegati attendew ukoll għadd ta' *Lecturers* minn pajjiżi Ewropej — Spanja, Greċja, Ingilterra, Italja, Franza, Repubblika Federali tal-Ġermanja u Svezja — li kollha indirizzaw lid-delegati dwar diversi oqsma speċjalizzati tat-Telekomunikazzjoni.

**Fil-laqgħa tal-ftuħ il-Ministru Abela għamel diskors għall-okkażjoni fejn fost ħwejjeġ oħra qal li l-investimenti tal-Gvern Malti fit-Telekomunikazzjoni jixhdu l-importanza ta' dan il-qasam f'Malta bħala pajjiż li qed jiżviluppa. Dan jidher mill-fatt li f'dawn l-aħħar għaxar snin ix-xogħol tat-telex minn Malta żdied b'sitt darbiet u t-telefonati ma' barra żdiedu b'għaxar darbiet. Malta għandha sehem attiv ħafna fil-Proġett tal-Mediterran u Lvant Nofsani u għalhekk il-Gvern laqa' bil-ferħa l-għażla ta' Dar il-Mediterran għal-laqgħat ta' dan is-Seminar. Is-Segretarju Ġenerali ta' l-ITU, is-Sur M. Mili, wieġeb għad-diskors tal-Ministru Abela.**

Wara d-diskorsi tal-ftuħ, is-Sur Maurice Mifsud Bonnici, Kap tat-Telekomunikazzjonijiet ta' Telemalta, u Kap tad-delegazzjoni Maltija ġie maħtur bħala ċ-Chairman tas-Seminar. Il-membri l-oħra tad-delegazzjoni Maltija kienu s-sinjuri W.O. Cutugno, V. Mulè Stagno, C. Cassar, J. Busietta, J. Galea, V. Zahra u T. Roberts. Barra dawn kien hemm ukoll għadd ta' uffiċjali għolja tal-Korporazzjoni Telemalta li attendew bħala osservaturi.

Fl-aħħar jum tas-Seminar, is-Sur Mifsud Bonnici kif ukoll il-membri prinċipali tad-delegazzjoni Maltija ġew mitluba jitkellmu dwar ix-xogħol ta' Telemalta u l-progress li sar fil-qasam tat-Telekomunikazzjoni f'dawn l-aħħar snin u speċjalment minn meta x-xogħol internazzjonali għadda mill-Cable and Wireless għal għand il-Korporazzjoni.




**Il-Ministru Abela (lemin) waqt il-laqgħa tal-ftuħ tas-Seminar flimkien mas-Sur M. Mili ta' l-ITU u s-Sur A. Seychell, Chairman, Korporazzjoni Telemalta**

**Fi tmiem is-Seminar għadd ta' delegati għamlu diskorsi li fihom faħħru bi sħiħ il-lokal fejn saru l-laqgħat, l-organizzazzjoni perfetta mill-Korporazzjoni Telemalta kif ukoll l-ospitalità tal-poplu Malti in ġenerali.**

Is-Seminar intemm uffiċjalment nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Marzu.

# KORSA ĠDIDA FIL-MARSA




**FL-OKKAŻJONI ta' l-Inawgurazzjoni tal-Korsa ġdida għat-tiġrijiet taż-żwiemel, is-Sibt 28 ta' Marzu, l-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport s-Sur Lorry Sant għamel diskors li fih ta d-dettalji kollha tax-xogħol kbir li kien sar biex il-korsa titlesta kif mixtieq.**

"Ħames snin ilu, f'Għawdex inawgurajt l-ewwel korsa għat-tiġrijiet taż-żwiemel li qatt inbniet f'Għawdex.

"Id-dilettanti Għawdxin kienu talbuna biex nibnulhom korsa. It-talba tagħhom ġiet milqugħa mill-Gvern Soċjalista u l-korsa inbdiet, tlestiet u sal-lum għadha qed tiġi użata.

**"F'Malta wkoll, id-dilettanti u s-sidien taż-żwiemel, il-ġerrejja u li 'stewards' xtaqu li xi darba fil-Marsa tinbena korsa ġdida u aħjar minn dik li kienet saret mill-Ingliżi aktar minn 100 sena ilu.**

"L-appelli għal-korsa ġdida biex it-tiġrijiet fuqha jidhru mit-tluq sal-final, (u ż-żwiemel u l-ġerrejja ma jistaħbewx bis-siġar u l-bini) żdiedu aktar meta t-tiġrijiet bis-serkin bdew jiżdiedu aktar minn dawk tal-gallop.

"Ix-xewqa li fil-Marsa jkun hemm korsa ġdida kienet fuq fomm dawk kollha li jiffrekwentaw dan il-post fl-istaġun tat-tiġrijiet. Ix-xewqa ta' dawn in-nies inbdiet f'talba formali lill-Gvern Malti.

"Qabel l-1971 l-Gvern Nazzjonalista kien ġie mitlub u sarulu appelli biex tinbena l-korsa. F'Lulju tas-sena li għaddiet il-Prim Ministru l-Perit Dom Mintoff ġie avviċinat minn sidien u dilettanti taż-żwiemel biex il-Gvern Soċjalista jibnilhom korsa ġdida.

"Meta t-talba kienet saret lill-Gvern Nazzjonalista, r-risposta kienet li għad li l-Gvern jixtieq jara korsa lesta, id-dilettanti taż-żwiemel kienu jridu jistennew sakemm Malta tieħu l-Indipendenza għaliex il-Marsa kienet ta' l-Ingliżi.





It-tiġrijiet taż-żwiemel issa jidhru mit-tluq sal-final

**"Fl-1964, wara li Malta ġiet mogħtija l-Indipendenza, it-talba għall-bini tal-korsa reġgħet saret lill-Gvern Nazzjonalista. Il-korsa għat-tiġrijiet xorta waħda ma setgħetx issir. Il-Marsa baqgħet f'idejn l-Ingliżi. Il-Maltin ma setgħux jidħlu fil-Marsa.**

**"Kif diġà għidt f'Lulju tas-sena l-oħra l-Prim Ministru ġie avviċinat biex jawtorizza l-bini ta' korsa ġdida. Fi ftit ġranet wara, delegazzjoni ta' sidien u dilettanti oħra ltaqgħu mal-Prim Ministru, u miegħu, u f'dik l-istess laqgħa, ġie deċiż li l-korsa tinbena.**

"Fil-fatt ix-xogħol inbeda fit-12 ta' Awissu 1980 u f'150 ġurnata l-korsa kienet kważi lesta minn kollox biex fuqha setgħet issir l-ewwel tiġrija tal-gallop b'ġerrejja nisa mill-Ingilterra.

**"Il-korsa nbniet mill-ħaddiema tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport b'għajnuna żgħira minn ħaddiema tal-kuntrattur. Id-disinji wkoll saru minn nies tal-Ministeru li kellhom għajnuna ta' esperti Taljani li tawna l-parir tagħhom mingħajr ħlas.**

"Biex stajna nibnu l-korsa fil-post magħżul kellna ndawwru u nibnu toroq ġodda, nibdlu s-sistema tad-drenaġġ, inneħħu eluf kbar ta' metri kubi ta' ħamrija u minflok inqegħdu mal-100,000 metru kubu ta' materjal tal-barrieri.

"Sal-lum in-nefqa minn naħa tal-Gvern telgħet għal aktar minn £M105,000. Mas-somma minfuqa mill-Gvern hemm somma oħra li s-sidien u d-dilettanti ħarġu minn buthom biex inbniet il-korsa.

"Għad baqa' xi jsir. Għad irid jinbena l-grand stand, stallel ġodda u bżonnijiet oħra li l-korsa, moderna u ta' standard internazzjonali, li aħna flimkien bnejna, jixirqilha.

"Jiena konvint li bir-rieda tajba u bil-għajnuna ta' kulħadd il-korsa għat-tiġrijiet taż-żwiemel tkun kompluta minn kollox f'qasir żmien.

**"L-ispiża għax-xogħol li sar s'issa ma telgħetx aktar għaliex ix-xogħol għamilnieh aħna, ma qabbadniex barranin biex jagħmluh u wżajna r-riżorsi u l-materjal tagħna.**

**"Wara li aċċertajna ruħna li l-materjal lokali huwa tajjeb għal korsa, is-suġġeriment tal-esperti Taljani biex nimportaw mill-Italja materjal hekk imsejjaħ "speċjali" ma aċċettajniehx. Id-deċiżjoni tagħna kienet tfisser li ffrankajna aktar minn terz ta' miljun lira.**

"Dan ma għamilniehx a skapitu tal-korsa, għaliex illum kulħadd jaf u semgħa l-kummenti favorevoli tal-barranin dwar il-lokalità tajba tal-korsa li bnejna.

"L-inawgurazzjoni ta' din il-korsa, **ftit ġimgħat biss wara l-inawgurazzjoni tal-ground tal-football f'Ta' Qali** huwa prova oħra ta' kemm il-Gvern Soċjalista u l-Prim Ministru għandna għal qalbna l-iżvilupp ta' faċilitajiet sportivi għal Maltin.

"Il-ftugħ uffiċjali ta' din il-korsa (u tal-ħafna faċilitajiet sportivi li pprovdejna f'pajjiżna u b'mod speċjali fil-Marsa) juri kemm ma kienx fieragħ dak li ktibna fil-programm elettorali tagħna li **l-Marsa għandha tkun il-Benniena ta' l-isport għall-Maltin kollha.**

"Illum wieħed jista' jara għalih innifsu kif ġiet żviluppata l-Marsa, il-faċilitajiet li ġew irranġati u provduti. It-taħriġ taż-żgħażagħ u tfal f'diversi oqsma ta' sport.

"Minn qatt jista' jinnega l-fatt li f'dawn l-aħħar snin in-numru ta'

żwiemel fuq il-korsa żdied bit-triplu u n-numru ta' tfal, żgħażagħ u kbar, li jirkbu ż-żwiemel żdied bil-ħafna. L-istess jingħad għal attendenza ta' dawk li jiġu hawn biex jaraw it-tiġrijiet.

**“Bħal kull sport ieħor, il-Ministeru tiegħi għen u qed igħin l-isport tal-irkib taż-żwiemel. Minn naħa tiegħu, il-Prim Ministru u l-Gvern Soċjalista lill-isport tajnieh u qed nagħtuh (bil-fatti u mhux bid-diskors vojt), importanza daqs kemm nagħtu x-xogħlijiet l-oħra li aħna qed nagħmlu għall-iżvilupp ta' pajjiżna.**

“Huma għalhekk ingrati, dawk it-talin, li għaliex jarawna nieħdu interess fl-iżvilupp ta' faċilitajiet sportivi u anke nieħdu parti f'attivitajiet joqgħodu jinħlew fit-tgħajjir u l-insinwazzjonijiet. (Li kieku l-irkib taż-żwiemel kien għas-sinjuri biss kif jinsinwaw in-Nazzjonalisti meta l-Prim Ministru jinżel hawn, kieku fil-Marsa ma jkunx hawn il-mijiet ta' żgħażagħ u tfal rikbin iż-żwiemel).

“Wara x-xogħol bla heda li sar ma rridx ma nroddx ħajr lil kull min ħadem u għen biex tlestiet opra oħra mwegħda mill-Gvern Soċjalista.

“Ir-ringrazzjament tiegħi jmur għall-Kumitat imwaqqaf mill-Gvern li taħt iċ-Chairman, il-kollega tiegħi is-Sur John Dalli, ħa ħsieb ix-xogħol tal-bini tal-korsa.

“L-akbar ringrazzjament għandu jmur għall-Prim Ministru, mhux biss għall-pariri siewja li kontinwament ta fit-twettiq ta' dan il-proġett, iżda għaliex kien bis-saħħa tal-ftehim li għamel mal-Gvern Ingliż f'Marzu ta' l-1972 li din il-korsa għat-tiġrijiet taż-żwiemel setgħet tinbena hawnhekk.

“Huwa għalhekk xieraq li l-inawgurazzjoni ta' din il-korsa issir illum waqt li qed niċċelebraw it-Tieni Anniversarju ta' Jum il-Ħelsien.

**“Xieraq għaliex kien bis-saħħa tal-ftehim li sar mill-Gvern Malti mal-Gvern Ingliż u li wassal għal dan il-jum, li aħna u intom stajna nidħlu f'dan il-post bil-liberta kollha, naqilgħu l-art u nibnu korsa ġdida.**

**“Qabel ma sar il-ftehim li bih Malta akwistat il-Ħelsien, ftehim li permezz tiegħu l-forzi Ingliżi kellhom iħallu x-xtut tagħna, la aħna u lanqas intom ma kontu tistgħu tidħlu f'dan il-post.**

“Hawnhekk setgħu jidħlu biss l-Ingliżi u l-barranin u sħabhom. Sal-1971, meta Malta suppost kienet indipendenti, l-Maltin kienu jiġu mkeċċija minn dan il-post mill-Pulizija Militari li armati bil-klieb kienu jduru mal-korsa tal-golf, mal-pitch tar-rugby u tal-football, ikeċċu lil dawk il-Maltin li kienu jiskappaw u jidħlu hawn minn taħt il-barbed wire.

“Sal-1971, biex il-Maltin tan-National Sport Board, kienu jużaw xi parti mill-Marsa kienu jridu jiksbu minn qabel il-permess ta' l-Ingliżi.

“Meta f'April 1965, xi Maltin li ħallsu biex jaraw it-tiġrijiet, marru fuq il-polo pitch inqala' inċident serju meta huma ġew fl-idejn mal-Pulizija Ingliżi u riedu jkeċċuhom 'il barra.

“Hawnhekk kien tal-Ingliżi sal-1971, saħansitra l-post, għal ħafna, għadu magħruf bħala l-Marsa ta' l-Ingliżi.

“Dak li għidt m'għadtux b'disprezz lejn ħadd. Iżda biss biex jibqa' magħruf u mfakkar u ħadd ma jipprova jbiddel l-istorja u l-fatti.

“Li kieku ma kienx il-Gvern Soċjalista, din il-korsa ma kienetx issir bħal ma, ma sarux affarijiet oħra.

**“Inutli li xi ħadd igħid li kienet fil-programm elettorali tiegħu u li wegħda, l-fatti jibqgħu dawk li huma li l-korsa l-ġdida saret għall-Maltin mill-Gvern Soċjalista Malti u biex din setgħet issr hawn, Malta riedet tikseb il-ħelsien sħiħ li permezz tiegħu l-Ingliżi telqu wkoll mill-Marsa.**

“Huwa pjaċir tiegħi li f'isem il-Prim Ministru għan-nom tal-Gvern Soċjalista niftaħ uffiċjalment din il-korsa.”




AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT
LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME VIENNA TUNIS
VIENNA ZURICH AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO FRANKFURT
KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME DUBAI
FRANKFURT KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS
ROME TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH PARIS LONDON CAIRO
ZURICH BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT ROME
TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH LONDON AMSTERDAM PARIS
AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT
LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME VIENNA TUNIS
VIENNA ZURICH AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO FRANKFURT
KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME DUBAI
FRANKFURT KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS
ROME TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH PARIS LONDON CAIRO
ZURICH BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT ROME
TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH LONDON AMSTERDAM PARIS
AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT
LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME VIENNA TUNIS
VIENNA ZURICH AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO FRANKFURT
KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME DUBAI
FRANKFURT KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS
ROME TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH PARIS LONDON CAIRO
ZURICH BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT ROME
TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH LONDON AMSTERDAM PARIS
AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT
LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME VIENNA TUNIS
VIENNA ZURICH AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO FRANKFURT
KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME DUBAI
FRANKFURT KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS
ROME TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH PARIS LONDON CAIRO
ZURICH BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT ROME
TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH LONDON AMSTERDAM PARIS
AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT
LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME VIENNA TUNIS
VIENNA ZURICH AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO FRANKFURT
KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME DUBAI
FRANKFURT KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS
ROME TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH PARIS LONDON CAIRO

AIRMALTA

# L-ENERĠIJA

Il-Korporazzjoni Enemalta twaqqfet mill-Gvern fl-1977 bl-iskop li tieħu ħsieb tipprovdi s-servizzi kollha ta' l-enerġija.

**Hawn wieħed irid jifhem li, barra l-użu ta' l-elettriku, gass u pitrolju ġo djarna, is-servizzi ta' l-enerġija jridu jlaħħqu wkoll ma' domanda ferm ikbar — dik ta' l-industrijalizzazzjoni tal-pajjiż: inġenji ta' kull xorta, ajruplani u vapuri, fabbriki, u kif ukoll ma' l-industrija tat-turiżmu — lukandi u appartamenti.**

L-enerġija u s-sorsi li minnha tiġi, hi s-suġġett l-aktar diskuss fl-aħbarijiet ta' kuljum. L-enerġija, jew innuqqas tagħha, dejjem kienet il-kaġun prinċipali ta' ħafna nkwiet li nqala' u għadu jinqala' bejn in-nazzjonijiet.

Is-sorsi prinċipali ta' l-enerġija huma: mill-ilmijiet tax-xmajjar (hydro-electric plants), mill-użu tal-faħam u miż-żejt, u kif ukoll minn dik nukleari. Iżda s-sors ta' enerġija l-aktar imfittex huwa dak taż-żejt. Il-petrol, diesel, pitrolju u gass ilkoll huma prodotti meħudin miż-żejt.

**Il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet, is-Sur Wistin Abela, minn dejjem għamel enfasi fuq il-ħtieġa li Malta għandha jkollha ħażna adekwata ta' żejt u gass sabiex tkun tista' tilqa' kull kriżi li tista' b'xi mod taffettwa l-provvista meħtieġa ta' kuljum.**



L-impjant tal-gass f'Birżebbuġa fejn isir l-ibbottiljar tal-gass fiċ-ċilindri industrijali u domestiċi. Dan l-impjant ġie mkabbar biex Malta jkun hawn ħażna ta' 80 ġurnata

- ESTENSJONI TAL-POWER STATION

L-iżvilupp kbir f'kull qasam, flimkien ma' titjib kontinwu fil-qasam soċjali tul dawn l-aħħar snin għollew id-domanda għall-elettriku.

Id-djar tagħna llum huma lkoll attrezzati b'apparat ta' l-elettriku l-iżjed sofistikat. L-industrija u t-turiżmu qegħdin ukoll kull ma jmur jitolbu kwantitajiet dejjem akbar ta' enerġija elettrika.

Minn kapaċità ta' 115 megawatt fl-1971, il-kapaċità tal-ġenerazzjoni elettrika f'Malta bħalissa hija ta' 127 megawatt u din mistennija tikber b'żieda ta' 60 megawatt permezz ta' żewġ turbo alternators oħra. Dan naturalment se jġib miegħu żieda fil-konsum ta' żejt.

**L-oqsma ta' l-elettriku, gass u żejt illum huma tal-poplu**

Qabel fil-Power Station kien hemm ħażna ta' 25,000 tunnellata li kienet isservi biss għal madwar 50 jum. Issa l-Gvern għadu kemm bena żewġ tankijiet kbar oħra li żdiedu l-ħażna b'20,000 tunnellata oħra — jiġifieri riserva addizzjonali ta' 40 jum ieħor bir-rata preżenti. Sadanittant il-Gvern qed ukoll jippjana biex jintroduċi wkoll l-użu tal-faħam għal ġenerazzjoni ta' l-elettriku.

**Il-proġett ta' l-estensjoni tal-Power Station huwa parti mill-proġett l-ieħor ta' żvilupp fil-Menqa fejn issa se jkunu jistgħu jibdew jidħlu vapuri ta' 30,000 tunnellata biex iħottu ż-żejt. Mill-Menqa ser jinbena**



**L-installazzjoni "31 ta' Marzu 1979" f'Birżebbuġa minn fejn jiġu provduti l-biċċa l-kbira tal-bżonnijiet għal prodotti taż-żejt li jinħtieġ għal konsum lokali kif ukoll għall-użu ta' l-avjazzjoni ċivili**

**'pipeline' ta' erba' mitt metru li jwassal iż-żejt mill-vapuri għat-tankijiet tal-Power Station.**

## ● IL-GASS

Kemm għat-tisjir, kif ukoll għall-industrija ġenerali, l-użu tal-gass huwa mfittex ħafna għax huwa nadif, effiċjenti u ekonomiku.

Il-Gvern permezz ta' l-Enemalta ġab 4 tankijiet kbar li jesgħu mal-150 tunnellata l-wieħed u bena sfera ta' 320 tunnellata. Fejn fl-imgħoddi l-ħażna tal-gass f'Malta kienet biss ta' 800 tunnellata, issa ġiet ta' bejn 2,300 u l-2,400 tunnellata, jiġifieri minn ħażna ta' mhux aktar minn **ħmistax-il ġurnata** issa għandna ħażna ta' kważi **tmenin ġurnata.**

**Illum il-ġurnata l-konsum tal-gass tant żdied illi qegħdin joħorġu bejn l-2,500 u t-3,000 ċilindru kuljum. Dawn jiġu bbottiljati fl-impjant ta' l-Enemalta f'Birżebbuġa.**

## ● IX-XIRI U L-ĦAŻNA TAŻ-ŻEJT

Ix-xiri, raffinar, ħażna u distribuzzjoni taż-żejt, illum huma kollha f'idejn il-poplu. Minkejja l-kriżijiet li ltaqgħu magħhom pajjiżi oħra ferm akbar minn Malta, aħna qatt ma ġejna neqsin minn dan il-prodott tant essenzjali. Għall-kuntrarju, il-prezzijiet inżammu f'livelli raġonevoli u Malta qiegħda sservi ta' ċentru ta' ħażna għall-kumpaniji barranin.

F'dawn l-aħħar snin, kemm ilha li nqalgħet il-kriżi taż-żejt, kull pajjiż għamel l-almu tiegħu biex kemm jista' jkun jaħżen żejt kemm jiflaħ. Irraġuni għal din hija ovvja; għaliex aktar ma jkollok żejt maħżun f'pajjiżek, aktar ikollok rasek mistrieħa jekk jinqala' xi għawġ li jista' jwassal għal xi waqfien fil-provvista ta' dan il-prodott hekk essenzjali.

Minn dejjem kienet il-policy tal-Gvern li f'ħaġa tant importanti bħal ma hi l-provvista taż-żejt ma jiddependix bħal ma kien isir qabel mill-kumpaniji taż-żejt li kienu jfornu lil Malta bil-bżonnijiet tagħha.

Fuq kollox, meta nqalgħet il-kriżi ta' l-1973, **il-kumpaniji** barranin qalu lill-Gvern **"mhux** se nagħtukom iżjed żejt, m'għandniex żejt x'nagħtukom". Il-Gvern qallhom, "Jekk m'għandkomx żejt x'tagħtuna, hawnhekk lilkom m'għandniex bżonnkom. Tistgħu titilqu minn issa stess." Kien għalhekk li l-Gvern mill-ewwel iddeċieda li jieħu l-kontroll kollu f'idejh u għamel arranġamenti mal-kumpaniji biex jakkwista minn għandhom il-**faċilitajiet** li huma kellhom għall-ħażna u d-distribuzzjoni tal-prodotti taż-żejt.

**Dawn il-faċilitajiet, fil-biċċa l-kbira tagħhom, huma konċentrati fin-naħa t'isfel ta' Malta madwar il-Port ta' Marsaxlokk. Minn dawn l-installazzjonijiet jiġu fornuti l-biċċa l-kbira tal-bżonnijiet lokali għal prodotti bħal petrol, diesel, pitrolju u gass li kollha huma parti essenzjali għall-ħajja ta' kuljum.**

Peress li hawn Malta akkwistajna bosta installazzjonijiet mingħand organizzazzjonijiet diversi, li kull waħda minnhom kellha 'pipeline' u mollijiet differenti, l-Enemalta kellha ssib mezz biex dawn l-installazzjonijiet jiġu integrati kemm jista' jkun f'sistema waħda.

## ● ĦAS-SAPTAN

**L-akbar installazzjoni għall-ħażna taż-żejt li hawn Malta hija dik magħrufa bħala ta' Ħas-Saptan. Din l-installazzjoni HI KOLLHA KEMM HI TAĦT L-ART u kienet inbniet għal ħabta tal-bidu tas-snin 60 u ġiet f'idejn l-Enemalta għall-aħħar ta' l-1978. Dan il-kumpless għall-ħażna taż-żejt huwa xogħol ta' inġinerija tassew ikkomplikat. It-tħaffir sar bix-xogħol bieżel tal-ħaddiem Malti li għal snin sħaħ ħaffer mini twal fil-blat li mill-Port il-Kbir jibqgħu sejrin sa Marsaxlokk. Mill-bokka, jew entratura prinċipali f'Ħas-Saptan, il-mini jinżlu sa livell ta' 200 pied taħt l-art. L-ewwel ma jolqtok meta tinżel fil-livell t'isfel, huwa l-enormità u t-tul tal-mini u l-kanen, jew pajpijiet, li għaddejjin minnhom.**

It-tagħmir kollu installat — dwal, pompi, eċċ. huma kollha 'flame-proof'. Saħansitra, l-inġenji li jinżlu hemm isfel iridu jkunu speċjali b'makni li jaħdmu mingħajr 'spark'.

Sadanittant, imħaffrin ġol-blat fuq kull naħa tal-mina prinċipali hemm għadd ta' tankijiet enormi li wħud minnhom jesgħu 16,000 tunnellata żejt, kważi 3,900,000 gallun, kull wieħed.

Illum il-ħaddiema kollha f'Ħas-Saptan huma Maltin, u jekk fil-bidu kienu ġew trasferiti minn mas-Servizzi għal ma' l-Enemalta kienu mħassba għax forsi ħasbu li f'din l-

installazzjoni ser jonqsilhom ix-xogħol, issa jafu li llum parti sew mit-tankijiet jinsabu mimlijin bil-prodotti taż-żejt. Sar ftehim mad-ditta Jacorossi dwar ħażna ta' żjut u 'bunkering' ta' vapuri bil-għan li titwaqqaf kumpanija li tagħmel użu iżjed intensiv mill-faċilitajiet li għandna u tiżdied l-attività tal-'bunkering' li tħalli l-qliegħ għall-poplu.

**Meta l-Gvern kien ħa din l-installazzjoni ta' Ħas-Saptan f'idejh, hu kien konvint li x-xogħol, li jsir f'installazzjonijiet simili barra minn Malta f'portijiet oħra bħal Rotterdam, Genova u Marsilja, seta' jsir faċilment hawn Malta wkoll l-aktar minħabba l-qagħda strateġika tagħha f'nofs il-Mediterran.**

Sadanittant l-Enemalta qiegħda dejjem tagħmel kemm tista' biex flimkien mal-Gvern issib tixtri l-aħjar żejt u l-prodotti tiegħu. Ta' min igħid ukoll li minbarra li tipprovdi lin-Nazzjon bl-enerġija mill-formi konvenzjonali, l-Enemalta qiegħda tagħmel ukoll ħilitha biex jitkompla l-istudju u r-riċerka għal forom oħra ta' enerġija mhux konvenzjonali — jiġifieri bħal dawk mill-qawwa tar-riħ u dik tax-xemx.



It-tankijiet taż-żejt tal-Kumpanija San Lucian Oil Company Ltd li twaqqfet dan l-aħħar bejn l-Enemalta u l-Kumpanija Taljana Jacorossi


FOR SERVICE AND SATISFACTION
REFER YOUR GALVANISING REQUIREMENTS
TO
MALTA DRYDOCKS

ENQUIRIES TO:

MARKETING AND SALES MANAGER
NEW BUILDING SECTION

Tel: 822451 / 822491 (Ext: 308, 500)


Aktar faċli
bic-cheque book
Bank of Valletta
Limited, Malta
B'fergħat ma' Malta u Għawdex.
Il-Bank ġirien tiegħek.

# IMĠIEBA FIT-TRIQ



- Jekk ma jkunx hemm muri xort'oħra t-traffiku fuq it-triq prinċipali għandu d-dritta fuq it-traffiku (1) **li jkun qed jaqsam** (2) **li jkun dieħel, jew** (3) **li jkun ser iħalli t-triq prinċipali.**
- F'salib it-toroq (jew għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja), it-traffiku fuq it-triq sekondarja **għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fit-triq prinċipali jew li jkun ħiereġ minnha.**
- F'salib it-toroq (jew għaqda ta' toroq ta' importanza ekwivalenti ta' traffiku), **għandha tingħata preċedenza lill-vetturi fuq in-naħa tax-xellug.** Iżda, fejn it-toroq jiltaqgħu flimkien f'għamla T, it-traffiku li jkun fit-triq id-dritta **jkollu preċedenza fuq dak tat-triq l-oħra.**
- B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda dritt tat-triq mar-*roundabout,* u r-regola tapplika li **'min jasal l-ewwel, jinqeda l-ewwel'.** Iżda, fil-każ ta' żewġ vetturi li jkunu qed jagħmlu użu ta' l-istess mogħdija tar-*roundabout* fl-istess waqt, **għandha tingħata preċedenza lill-vettura li tkun fuq il-lemin.**
- Meta żewġ vetturi li jkunu sejrin f'direzzjoni opposta jiltaqgħu f'parti dejqa ta' triq, dak li jkun l-aktar qrib tal-parti l-wiesgħa tat-triq **għandu jreġġa' lura biex iħalli l-vettura l-oħra tgħaddi.**
- Agħti preċedenza minnufih lil *fire-engines,* ambulanzi u vetturi tal-pulizija jew ta' emerġenza li jkunu qed javviċinaw id-direzzjoni tiegħek; f'każ bħal dan, **suq lejn ix-xellug, u jekk ikun meħtieġ ieqaf għal kollox.**
- **Tabbużax mid-dritt għat-triq** jekk ikollok raġuni li tissuspetta li l-vettura l-oħra ma tkunx ser iċċedi l-preċedenza. Int, għandek dejjem ir-responsabbiltà li tiskansa xi inċident.
- Jekk tkun fid-dubju — **agħti d-dritta lil ħaddieħor.**


WE SERVICE INDUSTRY...

We practically meet all its requirements in FIBREGLASS AND SHEET METAL WORK

We also manufacture ........

All types of Steel Office Furniture; Industrial Machine Stands & Clothes Lockers; Working Tables and Benches; Airconditioning Duct Work; Kitchen Units; Hoods and Canopies; Industrial and Library Shelving; Garage, Store and Factory Doors; Galvanized Steel Doors and Windows; Steel Partitions; Fibreglass Water and Fuel Tanks – 50 to 1,000 gals capacity Speed Boats and Dinghies

F.G.P. LIMITED

49, VALLETTA ROAD, LUQA.
TELEPHONE 24181, 25527 CABLES: FIBLAS MALTA

Specialists in
- FIBREGLASS
- SHEET METAL JOBBING
- LIGHT ENGINEERING




**BIL-LEJL, meta tieqaf jew tipparkja, qis li l-vettura tiegħek tkun tidher sewwa.**

# DJAR GĦALL-POPLU



Bini modern imtella' mill-Gvern Soċjalista flok bini perikoluż fil-Belt Valletta

**Fl-1971 dan il-Gvern kien sab ma' wiċċu nuqqas kbir ta' djar. Kienet sitwazzjoni tassew kerha u kienet għalhekk meħtieġa ħidma kbira biex wieħed itaffi l-problema.**

## TNEĦHIJA TA' 'SLUMS'

Kienet id-determinazzjoni tal-Gvern li jagħmel minn kollox biex ikun hawn aktar djar. Għalhekk dan mill-ewwel ħa l-passi neċessarji sabiex jitħaffef ix-xogħol fuq il-bini li sab diġà mibdi mill-amministrazzjoni ta' qabel. Fl-istess ħin il-Gvern beda jibni blokki ġodda ta' djar u appartamenti. 'Slums' u kerrejjiet li anqas biss kellhom faċilitajiet sanitarji bdew jitwaqqgħu biex flokhom jittellgħu appartamenti ġodda mgħammra bil-faċilitajiet kollha meħtieġa.

Hawn ta' min isemmi li meta l-Gvern beda jneħħi dawn is-'slums', huwa kien sab atteġġjament negattiv mill-abitanti li kienu jgħixu fihom għaliex ħafna minnhom ma riedux jiċċaqalqu biex imorru f'postijiet aħjar. (L-istess atteġġjament kien ġara fis-snin ħamsin meta dan il-Gvern kien ta bidu għat-tneħħija tas-'slums'). Il-bini umdu u mudlam kien dallam ukoll l-imħuħ ta' dawk li kienu jabitaw fih. Għalhekk, l-abitanti ta' l-Arċipierku u d-Duc Balli ġewwa l-Belt, dawk tal-Marsa u dawk ta' Okella Agius ġewwa l-Ħamrun riedu lil min ifehmhom u jikkonvinċihom li dak li kien se jsir kien għall-aħjar tagħhom.

Riżultat ta' din il-ħidma mill-Gvern kien li llum ma' l-1,000 familja, li qabel kienu jgħixu f'gabubi mudlama, issa qegħdin igħixu f'appartamenti, bil-kumditajiet kollha li wieħed għandu jistenna f'dar tas-seklu għoxrin.

## L-AWTORITÀ TAD-DJAR

F'Ottubru ta' l-1976 il-Gvern waqqaf l-Awtorità tad-Djar bil-għan li tiżviluppa, tinkoraġġixxi u tiffinanzja l-iżvilupp u l-amministrazzjoni ta' oqsma tad-djar residenzjali, kif ukoll sabiex tħaddem l-iskema tal-'Home Ownership'.

Meta twaqqfet l-Awtorità tad-Djar, din introduċiet sistema ġdida ta' punti, biex biha jiġi stabbilit il-kriterju ta' tqassim ta' flats u djar. L-Awtorità kienet qiegħda mhux biss tipproċessa l-applikazzjonijiet li tirċievi, iżda wkoll tagħmel 'assessment' tal-post u tagħmel kull xogħol ieħor in konnessjoni mal-kuntratt għall-bejgħ.

L-Awtorità qed tbiegħ ukoll postijiet residenzjali okkupati lil dawk l-applikanti li juru li jixtiequ jixtru r-residenza tagħhom. F'dawn iż-żewġ każi l-Awtorità tagħti sussidju fuq ir-rata ta' mgħax tas-self li l-applikant jista' jkun jeħtieġlu jagħmel. Dan is-self isir mill-Lohombus Corporation Limited.

## BĊEJJEĊ TA' ART U DJAR

L-Awtorità tad-Djar tagħti wkoll b'ċens perpetwu bċejjeċ ta' art għall-bini. F'dan il-każ din ukoll tissussidja r-rata ta' l-imgħax fuq is-self li jkun jista' jitħallas b'rata fissa ta' kull xahar. Flimkien ma' tqassim ta' plots, l-Awtorità tista' tibni wkoll postijiet residenzjali għall-poplu.

Sadanittant, l-Awtorità tad-Djar, minn żmien għall-ieħor, tħoss in-neċessità li temenda l-policy tagħha. Fil-fatt, dan l-aħħar, din ħarġet policy ġdida u, permezz tagħha, bċejjeċ ta' art għall-bini u djar għall-bejgħ, jingħataw mhux iżjed fuq sistema ta' punti, iżda jitilgħu bil-polza minn fost l-applikanti. Madankollu, il-flats għall-bini baqgħu fuq sistema ta' punti li din ukoll ġiet emendata skond il-ħtiġijiet eżistenti tal-problema tad-djar.


The aerial for **COLOUR T.V. RECEPTION** that no imitations can beat.

Altec

BIG PERFORMANCE
"X" **Multibeam**
TV-aerials MADE IN MALTA.

**Super Special SEVEN STAR AERIALS, with the highest Gain up to 18 dB. for the perfect reception of Clear Pictures in COLOUR/Black and White.**
Are available with Galvanized plastic coated Screen or 8 reflectors.
**Optional, can be supplied with a 20 dB. Booster incorporated.**
**ACCEPT ONLY THE BEST SEVEN STAR ALTEC "X" MULTIBEAM AERIALS**
**designed in West Germany.**

wide-band UHF TV-aerials 470-790 Mcs
**BAND IV—V** type 'X'
Screen reflector.



- **High Grain and Bandwidth.**
- **Gold Anodised Aluminium.**
- **Solid Director Elements for rigidity and minimum wind resistance.**
- **No Image contours on COLOUR reception.**
- **Galvanized, Plastic Coated reflector pannels.**
- **All screwed assembly, gives no picture flatter.**
- **Double Grip Pole Clamp prevent Weather Vane effect.**

| Type | Channel | Elements |
|---|---|---|
| EB 21/68/95 | 21-68 | 95 |

You need

for Optimum results in fringe reception areas.

Trade Enquires.

**Sonim antenna amplifiers.**

FOR TELEVISION and F.M. AERIALS — T.V. COAXIAL CABLE — AMPLIFIERS (Boosters) and ACCESSORIES
"MICAR" ST. MONICA STREET, G'MANGIA — PIETA' . MALTA. TEL: 27411

E. CALLEJA & SONS
AGENTS IMPORTERS & DISTRIBUTORS
of
Electrical & Water Fittings

ecs
241 MSIDA STR., B'KARA
7 FLEUR-DE-LYS RD., B'KARA TEL: 40341—40342

# IL-JUM NAZZJONALI



Il-President tar-Repubblika Dr Anton Buttigieg jispezzjona l-Gwardja ta' l-Unur

Iċ-Ċelebrazzjonijiet biex jiġi mfakkar it-Tieni Anniversarju ta' Jum il-Ħelsien — il-Jum Nazzjonali, laħqu l-aqwa tagħhom nhar it-Tnejn 30 ta' Marzu meta l-Prim Ministru Dom Mintoff, akkumpanjat mis-Segretarju Ġenerali tal-General Workers' Union, is-Sur George Agius xegħel il-Ħuġġieġa tal-Ħelsien fuq l-Għolja tal-Ħelsien fil-Birgu fost l-applawsi u ċ-ċapċip ta' eluf kbar ta' nies li ħonqu l-inħawi ta' fejn saru ċ-ċelebrazzjonijiet.

Il-Ħuġġieġa tal-Ħelsien inxtegħlet wara diskors li l-President tar-Repubblika Dr Anton Buttigieg għamel għal din l-okkażjoni u wara li huwa poġġa bukkett fjuri fuq l-Għolja tal-Ħelsien akkumpanjat mid-daqq ta' l-Innu Malti u mis-salut tal-Gwardja ta' l-Unur komposta minn membri tat-Task Force.

Minn kmieni wara nofs in-nhar Xatt ir-Riżq u Triq 31 ta' Marzu 1979, fil-Birgu kienu maħnuqa min-nies biex jattendu għal din iċ-ċerimonja li qabilha ttella' programm taħt l-isem 'Imħabba u Sliem'. F'dan il-programm ħadu sehem gruppi folkloristiċi barranin u kantanti Maltin. Ħadet sehem ukoll il-Banda 'San Ġorġ' ta' Bormla.

Il-folla laqgħet b'ċapċip kbir il-wasla tal-President tar-Repubblika Anton Buttigieg u l-Prim Ministru Dom Mintoff.

Il-Prim Ministru u s-Segretarju Ġenerali tal-General Workers' Union xegħlu l-Ħuġġieġa tal-Ħelsien, poġġew bukketti ta' fjuri fuq l-Għolja tal-Ħelsien, segwiti mill-Ministri, mistednin, Korpi Diplomatiċi, Għaqdiet u Organizzazzjonijiet.

L-attivitajiet sportivi in konnessjoni mal-festi ta' Jum il-Ħelsien laħqu l-quċċata tagħhom nhar il-Ħadd 29 ta' Marzu meta fl-Istadium Nazzjonali Ta' Qali, kien hemm atletika, ġinnastika u wirjiet kulturali.

L-għada it-Tnejn, eluf ta' tfal ta' l-iskejjel attendew fl-Istadium għal nofs ta' nhar attivita sportiva taħt l-isem 'Malta Żagħżugħa — Malta f'Saħħitha', li għaliha attenda l-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr Philip Muscat li wkoll ippreżenta l-premijiet lir-rebbieħa.

Nhar it-Tlieta 31 ta' Marzu, intlagħbet partita football bejn it-team militari Taljan u Għażla mill-Għaqdiet li ħadu sehem fit-Tazza ta' Jum il-Ħelsien.

Dak in-nhar stess, wara nofs in-nhar kien hemm ukoll Regatta mid-Dwana għal Xatt ir-Riżq fil-Birgu.

Nhar il-Ħadd 29 ta' Marzu, l-Ministru tax-Xogħol Għajnuna Soċjali u Kultura, s-Sinjorina Agatha Barbara, fetħet uffiċjalment il-Mużew ta' l-Istorja Politika fil-Birgu.




Folol kbar attendew għall-programm "Imħabba u Sliem"

Attivitajiet sportivi fl-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali





Il-Prim Ministru u s-Segretarju Ġenerali tal-General Workers' Union xegħlu l-Ħuġġieġa tal-Ħelsien, poġġew bukketti ta' fjuri fuq l-Għolja tal-Ħelsien, segwiti mill-Ministri, mistednin, Korpi Diplomatiċi, Għaqdiet u Organizzazzjonijiet.



Misraħ il-Ħelsien u Bieb il-Belt maħnuqa bin-nies għall-Ispettaklu Kulturali



Regatta mid-Dwana għal Xatt ir-Riżq fil-Birgu

Il-Mużew ta' l-Istorja Politika



# GĦAWDEX, IL-GŻIRA TAL-BIEDJA

**SA minn dejjem, Għawdex kien igawdi l-isem ta' Gżira ħadranija u għanja u bl-egħlejjel u l-frott. Sa mill-ibgħad żmenijiet, poeti u kittieba barranin faħħru l-arja tajba u bnina tagħha kif ukoll ir-raba' għammieli li għandha maħdum bil-għaqal u bis-sengħa minn dirgħajn il-bdiewa Għawdxin.**

Il-biedja kienet minn dejjem l-industrija ewlenija tal-Gżira ta' Calypso u għajn ta' ġid u riżq għall-popolazzjoni tagħha. Mhux ta' b'xejn illi taħt l-arma tagħha ta' Tliet Għoljiet jidher il-motto bil-Latin li jgħid hekk: "Fertilis ab undis caput effero" li, bil-Malti, jista' jfisser b'dan il-mod: "Għammiela, jiena narfa' rasi minn qalb il-mewġ".

Il-kuluri li ssoltu jintużaw fil-pittura ta' din l-arma jkomplu jsaħħu dan it-twemmin. L-għoljiet huma miżbugħin kollha aħdar ċar, ħaġa li turi l-prerogattiva prinċipali ta' din il-Gżira ementement agrikola. Il-kulur li jintuża taħt it-Tliet Għoljiet huwa dejjem ikħal ċar biex juri li hija Gżira mdawra bil-baħar, ħaġa li tkompli ssebbaħha u tagħmilha dejjem aktar pittureska. Fuq il-lemin, taħkem ix-xena kollha, tidher kewkba tilma qawwi biex turi li Għawdex hija Gżira tal-paċi, paċi li titnissel, l-iktar mill-ħdura u mid-dehriet sbieħ tan-Natura.

Fis-sena 1913, it-Tabib Giovanni Gulia, studjuż u patrijott li kien jaf tajjeb lil Għawdex u l-psikoloġija tal-Għawdxin, ħareġ ktejjeb bit-Taljan li jismu "Gozo". Il-ktejjeb, barra li jagħti tagħrif storiku dwar Għawdex, jitkellem dwar l-industriji żgħar u tradizzzjonali tal-Gżira bħalma huma dawk tal-qoton, tal-bizzilla, ta' l-inbid, tal-ġbejniet, ta' l-ilma żahar, tal-għasel, tal-kpiepel tal-gummar, tal-qwieleb tas-simar, ta' l-imwies żgħar u kbar u, saħansitra, tal-kwiener tal-ġebla għattisjir. Iżda l-awtur juri ħila speċjali meta jiġi biex jitkellem dwar l-akbar industrija li għandu Għawdex, jiġifieri dik tal-biedja. Hawnhekk isemmi l-ħidma u l-bżulija tal-bdiewa Għawdxin li seħħilhom irawwmu varjetà kbira ta' dwieli li jagħtu nbid mogħġub wisq, l-iktar minn dawk li jifhmu. Huwa jsemmi wkoll xi prodotti li tagħti l-art Għawdxija bħalma huma l-qamħ, ix-xgħir, il-ful, iċ-ċiċċri, qamħirrum, il-basal, il-bettieħ. id-dulliegħ, il-kaboċċi, it-tewm, il-krafes, il-pitravi, il-karawett, l-ispinaċi u oħrajn.

Fost il-frott isemmi l-frawli Ingliża li tiġi mill-ġonna tal-Pergla, ħdejn Għajn Barrani, ġewwa x-Xagħra; il-larinġ, il-lumi, il-ħawħ, in-naspli, il-lanġas, it-tuffieħ, il-bajtar ta' San



Il-bidwi Għawdxi qed igawdi wkoll mis-sistema ġdida ta' esportazzjoni u barra li qed jieħu prezz ġust ta' xogħlu, qed jitħallas daqs il-bidwi Malti minkejja l-ispejjeż tat-trasport minn Għawdex għal Malta

Gwann u dak tax-xewk, il-ħarrub, ir-rummien, u l-mandolina. Iżda huwa jilmenta illi s-siġar taċ-ċawsri, li kien ħawwel il-Gvernatur Reid, ftit u xejn kien baqa' minnhom, fil-waqt illi l-kultivazzjoni tas-siġar taż-żebbuġ kienet limitata ħafna. Huwa jaffronta l-problemi ta' l-agrikoltura f'Għawdex bi preċiżjoni ta' espert. Dr Gulia jgħid illi l-aqwa problema li għandha l-biedja f'Għawdex huwa t-taqsim żejjed ta' l-egħlieqi. L-egħlieqi jitqassmu u jerġgħu jitqassmu meta jintwirtu mill-missier għall-iben. Din id-diviżjoni u sottodiviżjoni ta' l-egħlieqi għandha l-vantaġġi tagħha. Il-vantaġġ qiegħed fil-fatt illi l-bidwi jista' jieħu iktar ħsieb l-għalqa ċkejkna tiegħu. Mill-banda l-oħra l-iżvantaġġ jinħoloq miċ-ċokon tal-għalqa stess billi fiha ma jkunx jista' jintuża tagħmir u makkinarju effiċjenti biex tkun tista' tinħadem.

L-awtur jitkellem, saħansitra, dwar il-klima ta' Għawdex u dwar il-kompożizzjoni tal-ħamrija Għawdxija. Dan jagħmlu biex ikompli jsaħħaħ it-teżi tiegħu illi Għawdex, fuq kollox, hija Gżira tal-biedja. Dwar il-klima tal-Gżira jgħid li din hija tajba għall-aħħar, ħaġa li tgħin mhux ftit ukoll għat-tkabbir ta' l-egħlejjel. Dwar il-ħamrija Għawdxija huwa jistqarr illi din fiha l-ġir, it-tafal u r-ramel. L-egħlieqi li l-ħamrija tagħhom fiha l-ġir u t-tafal jinfirxu ma' biċċa ġmielha tal-Gżira. Iżda, fuq kollox, il-ħamrija Għawdxija hija hekk għammiela u tagħti għelejjel hekk abbundanti mħabba l-'fosfati' li huma preżenti sewwa ma' kullimkien fir-raba' tal-kampanja. Il-kittieb isejjes il-kitba tiegħu fuq il-fehma ta' ġeologu magħruf, il-Professur Carlo De Stefani. It-trattat ta' De Stefani kien jismu 'I Fosfati di Malta'.

## FAĊILITAJIET ĠODDA

Qabel dawn l-aħħar snin, il-faċilitajiet għall-bdiewa f'Għawdex jew ma kinux jeżistu jew kienu f'kondizzjoni mill-agħar. Gvern Soċjalista bħalma għamel f'Malta ħa ħsieb sabiex jagħti lill-bdiewa Għawdxin l-istess faċilitajiet li ngħataw lill-bdiewa Maltin. Dawn il-faċilitajiet jinkludu:

- Pitkalija Ċentrali
- Biċċerija Moderna
- Mħażen tal-Friża
- Makna li tipproduċi s-silġ

Bis-saħħa ta' dan kollu, il-bdiewa u s-sajjieda Għawdxin ingħataw l-għajnuna biex ibiegħu dak li jipproduċu mix-xogħol tagħhom u fl-istess ħin jaħżnu fl-aħjar kondizzjoni dak li għal mument jibqa' żejjed.

Is-sistema ġdida ta' esportazzjoni tal-patata u l-basal li ntroduċa l-Gvern Soċjalista żgur li serviet ta' ġid kbir għall-bdiewa f'Għawdex. Ħafna huma dawk li jiftakru x'kien ġara qabel l-elezzjoni ta' l-1971, meta kwantitajiet ta' patata u basal, minħabba nuqqas ta' nteress u ħeġġa minn min kien imexxi, baqgħu ma' wiċċ il-bidwi b'telf kbir ta' flus għalih.

F'Għawdex ukoll sar ħafna taħwil ta' siġar, kemm tal-frott kif ukoll dekorattivi, biex barra li tiżdied il-produzzjoni jkompli jissebbaħ l-ambjent. Il-bdiewa Għawdxin ġew inkoraġġiti permezz ta' għajnuna finanzjarja għall-bini ta' ġwiebi biex tikber il-ħażna ta' l-ilma fl-egħlieqi tagħhom.


IL-BANK TAD-DEMM

# Id-demm hu ..... il-ħajja

**Id-demm kollu li joħroġ mill-Bank tad-Demm ta' Malta jingħata mingħajr ħlas fi fliexken tal-ħġieġ tip Baxter. Dawn il-fliexken jintużaw darba biss. Id-demm ikun proċessat u meħlus minn diversi mard speċifiku, hekk kif mitlub mir-Regolamenti Internazzjonali dwar il-Banek tad-Demm.**

**Ta' min wieħed ifakkar, illi meta wieħed jagħti d-demm dan id-demm irid l-ewwel jgħaddi minn ħafna tests sabiex ikun jista' jingħata lil xi pazjent. Dawn it-tests fil-laboratorju jieħdu żmien twil.**

**Id-Direttur tal-Bank jappella bil-qawwa lill-pubbliku ġenerali, u partikolarment lill-Kapijiet ta' ditti, dipartimenti, organizzazzjonijiet, eċċ. sabiex dawn jibagħtu lill-impjegati tagħhom biex jgħatu d-demm; għaliex it-talba għal dan id-demm hi dejjem akbar milli jkollu maħżun l-Bank.**

**M'hemmx ħaġa eħfef milli meta inti tagħti d-demm. Tassew sempliċi u ma tħoss l-ebda uġigħ.**

**Ikun ta' sodisfazzjon kbir għalik meta tkun taf li d-demm tiegħek sejjer isalva ħajja oħra.**

**Meta tagħti d-demm, jingħatalek il-'group' tad-demm tiegħek.**

**Id-demm hu l-ħajja. Għati r-rigal tal-ħajja! Mur il-Bank tad-Demm, Europa Centre, il-Furjana. Tel. 20130.**

Hidma tal-Gvern fl-Edukazzjoni

# 320 STUDENT-HADDIEM ĠDID

**Nhar it-Tnejn, 23 ta' Frar, 320 Student-Haddiem ġdid, daħlu fl-Università ta' Malta u b'hekk saru jiffurmaw parti mill-Iskema Student-Haddiem introdotta f'pajjiżna mill-Gvern Soċjalista bħala waħda mill-akbar riformi li qatt saru fl-edukazzjoni.**

**Dawn l-istudenti huma mqassma fil-fakultajiet tal-Liġi, Mediċina, Inġinerija u Arkitettura, Edukazzjoni u Management Studies. Bid-dħul ta' dawn l-istudenti-ħaddiema ġodda, in-numru tagħhom f'din l-iskema issa huwa ta' madwar 1,000 student.**

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, it-Tabib Philip Muscat, f'diskors li għamel lill-istudenti-ħaddiema ġodda, uriehom kif din l-iskema ta' Student-Haddiem qiegħda taħdem u tagħti ċans lill-istudenti kollha jieħdu sehem attiv fil-ħajja tal-pajjiż.



"L-ewwel darba li student jidħol f'ambjent ġdid, ambjent misterjuż, huwa ma jkunx jaf l-istudenti ġodda li sejjer jiltaqa' magħhom. Meta jibda kors ġdid, "under-graduate" fl-Università ma jkunx jaf x'se jsib ma' wiċċu. L-istudent jiltaqa' ma' 'lecturers' ġodda u ma' suġġetti ġodda. L-ewwel xhur ikunu l-aktar diffiċli.

"Mhux kumbinazzjoni illi l-ewwel ġurnata tagħkom fl-Università hija t-23 ta' Frar 1981. Bħalma tafu l-Università qabel kienet tibda f'Ottubru. Illum aħna bissistema ġdida ta' Haddiem-Student, il-korsijiet jibdew fi Frar peress li intom ridtu l-ewwel iġġibu r-riżultati kollha



meħtieġa biex tkunu studenti matrikulati u dan x'uħud minnkom ridtu tagħmluh f'darbtejn, aħna tajnikom żewġ ċansijiet biex tidħlu fil-kors tal-lum. Kieku dan il-kors beda qabel, dawk li ma kellhomx riżultati fil-grad meħtieġ ta' l-A levels ma humiex hawn. Aħna għad għandna s-sistema f'eżamijiet li barra li jkun hemm is-sessjoni ta' Ġunju jew is-sessjoni tas-Sajf hemm ukoll is-sessjoni tal-Ħarifa. Peress illi r-riżultati jdumu ma joħorġu, anke sa Jannar, aħna ridna nagħtu ċans lil kulħadd jidħol l-Università.

**"Waqt li qabel il-korsijiet kienu jibdew kull sentejn u anke tlieta, illum il-maġġoranza tal-korsijiet jibdew kull sena. Oħrajn jibdew kull sentejn u anke fejn aħna konna mdorrijin nibdewhom kull sentejn, aħna bdejnihom kull sena. Il-korsijiet kollha din is-sena b'eċċezzjoni waħda tal-B.Pharm., li tibda fi ftit xhur oħra, aċċettaw Studenti-Ħaddiema kwalifikati. Fil-kors tal-Liġi, daħlu numru li huwa ftit 'il fuq minn "numerus clausus". Fejn sibna li kien hemm ftit iżjed studenti minn "numerus clausus", tajna ċ-ċans ukoll biex lill-istudenti kollha jidħlu f'dan il-kors. Fil-Mediċina bdejna l-kors kull sena u din is-sena wkoll tajna ċ-ċans illi jidħlu aktar. Fil-Fakultà tal-"Business Studies" daħħalna numru sabiħ ukoll, kważi n-"numerus clausus" kollu. Fl-Inġinerija, dik li hija "Civil Engineering", "Electrical" u "Mechanical Engineering" għat-tielet sena qegħdin indaħħlu n-numru kollu ta' Studenti-Ħaddiema. Fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni, minn "numerus clausus" ta' 80 daħħalna kważi n-numru kollu ta' Ħaddiema-Studenti.**

"Bdejna fit-23 ta' Frar biex nakkomodaw lil kulħadd. Min hu egoist, dawn l-affarijiet ma jsemmihomx.

"Aħna ridna wkoll insibu job għal kull wieħed u waħda minnkom. B'eċċezzjoni tal-kors tal-Liġi, kulħadd għandu employer, kulħadd għandu min iħaddmu. Fil-Liġi nista' ngħid il-maġġoranza l-kbira, kontra dak li ġara sentejn ilu huma Ħaddiema-Studenti, jiġifieri fejn fil-kors tal-Liġi kellna ftit, kellna xi sitt sponsors sentjen ilu, din is-sena hemm 32 Ħaddiema-Studenti f'dan il-kors.

**"Fil-kors tal-Mediċina l-istudenti huma kollha sponsorjati mill-Gvern. Daħlu 55 Ħaddiema-Studenti ġodda u dan ifisser li qbiżna n-"numerus clausus". L-istudenti li se jibdew il-kors tal-mediċina rrid ngħidilhom li minkejja li fost il-fakultajiet kollha kienet l-Iskola Medika li għaddiet mill-akbar Kalvarju, illum hija waħda mill-aqwa skejjel tal-mediċina fl-Ewropa. Dawk li għandhom uliedhom f'din l-Iskola jafu li t-tagħlim huwa wieħed mill-ogħla li qatt kien hawn fl-Università ta' Malta.**

"Għandna wkoll, 12-il Ħaddiem-Student li huma sponsorjati fil-kors tad-Dentistrija.

"Għandna wkoll il-Fakultà ta' l-Inġinerija u Arkitettura Ċivili illi fiha għat-tielet sena, qabel kienu jibdew kull sentejn, ser ikollna 31 student tal-B.E. & A., fil-kors tal-Periti għat-tielet sena wara xulxin. Fl-Inġinerija Mekkanika għandna 23; u fl-Inġinerija Elettrika għandna 19. Numru sabiħ li, minkejja kollox, aħna qegħdin indaħħlu l-istudenti kull sena, huwa kważi daqs kemm kienu jidħlu kull sentejn qabel. Kull min kellu l-kwalifiki meħtieġa daħal l-Università. B'hekk aħna fqajna l-bużżieqa ta' min kien jikkritikana u jgħid illi mhux ser indaħħlu studenti-ħaddiema jew ma tistax tidħol l-Università għax ma kienx ikun possibbli *li* tidħol l-Università jekk ma ssibx min jisponsorjak. Il-Fakultà ta' l-Inġinerija u Arkitettura hija waħda mis-setturi l-aktar importanti fis-settur pubbliku, parastatali u l-aktar il-privat.

**"Barra minn dawn, il-Gvern sponsorja l-Ħaddiema-Studenti kollha fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni. Kien il-Gvern Laburista li ħadem biex għall-ewwel darba l-kors tal-Għalliema jsir fl-Università. L-istudenti li ħarġu minn din il-fakultà diġà jidħru li ħadu edukazzjoni aħjar minn dawk ta' qabilhom għaliex barra li qegħdin ġewwa Università f'ambjent imħallat ma' studenti oħrajn kellhom il-priveleġġ li jkunu jafu għandhomx vokazzjoni. Dawn intbagtu jaħdmu fl-amministrazzjoni ta' l-iskejjel, libreriji u wkoll tagħlim fl-iskejjel tal-Gvern.**

"Fakultà oħra bżonjuża għall-pajjiż, hija l-Fakultà tal-Management Studies. Importanti ngħidilkom li dawn il-korsijiet, qabel qatt ma kienu "degree level", kienu "diploma" biss. Illum, dawn il-korsijiet huma "degree level" u s-settur privat jaħtaf lil dawn l-istudenti u għandu għax jirringrazzja lis-sistema Ħaddiem-Student li se tipprovdilu nies meħtieġa biex imexxu l-fabbriki, l-industriji u l-lukandi.

"Kull ħaġa trid taħdem għaliha. Qabel l-istudenti kienu jidħlu l-Università mingħajr l-ebda għajnuna finanzjarja. Ried ikollok ġenituri li setgħu jaffordjaw li jagħtuk dak li titlobhom. Nafu kemm żdiedu l-prezzijiet tal-kotba, il-bżonn tal-flus biex tilbes u anke biex inti tirrikrea ruħek. Kien sagrifiċċju kbir għal ħafna żgħażagħ u għal ħafna ġenituri biex jidħlu u jibqgħu ġo l-Università għal ħames snin mingħajr ma jaqilgħu xi ħaġa.

**"Aħna ħsibna għalhekk sabiex iż-żgħażagħ mhux biss jistudjaw iżda wkoll jaħdmu matul il-kors tagħhom u jingħataw il-paga. Din issa għoliet u fl-ewwel sena tieħdu £M784, it-tieni sena £M984, it-tielet sena £M1,234, ir-raba' sena £M1,484 u l-ħames sena £M1,788 lira flimkien ma' nofs il-bonus kull sena!**

"Aħna qed nagħtukom il-privileġġ li tgħixu l-ħajja ta' studenti universitarji, taħdmu u taqilgħu l-flus. Il-fatt li qed taqilgħu l-flus jimmaturakom aktar, mhux għax qed taqilgħu l-flus, (għax flus tistgħu taqilgħuhom minn x'imkien) iżda għax qed taħdmu għalihom. Aħna nistgħu nagħtuhomkom, il-flus, talli ma tagħmlu xejn, imma jekk nagħtukom flus ta' xejn, inkunu qed nagħtukom l-isbaħ training għall-ġenerazzjoni għażżiena.

"Meta bniedem jaħdem f'post relatat ma' dak li jistudja, tgħinu jimmatura ruħu. Hemm dik li tissejjaħ motivazzjoni. Meta tkunu fuq il-post tax-xogħol se jkollkom l-opportunità illi dak li huwa teoretiku, dak li ssibu fit-textbook, dak illi tisma' l-lecturer jispjega, tarah isir realtà. Dan jista' jsir biss fil-ħanut tax-xogħol, ġewwa l-'clinic', fil-klassi ta' l-iskola, fl-uffiċċju fejn isiru l-kontijiet, ġol-bank; tara li tista' tapplika s-suġġetti li tistudja fl-Università.

**"Din hija waħda mill-aktar kolonni importanti ta' l-iskema Student-Ħaddiem. Din l-esperjenza ta' xogħol tinsab f'kull kors: fil-mediċina, business studies, edukazzjoni, inġinerija, liġi, dentistrija. Ħa nagħtikom eżempju:**

**"Il-Fakultà ta' l-Inġinerija Ċivili u Arkitettura waqt li tagħmel il-kors tagħha normali, hija nvoluta f'diversi**

**proġetti tal-Gvern. Biżżejjed insemmilkom l-Istadium Nazzjonali. Studenti-Haddiema wettqu xogħol fuq it-tinda ta' l-azzar ta' l-istadium u s-seating capacity. Sar xogħol ukoll fil-funderija u proġetti oħra. Studenti-Ħaddiema ta' l-Inġinerija Mekkanika qed jaħdmu fuq riċerka dwar l-enerġija mix-xemx u r-riħ b'kollaborazzjoni ma' Università Awstrijaka. Dawn huma biss ftit eżempji biex nurikom kemm saru interessanti l-korsijiet fl-Università.**

"Bl-iskema Ħaddiem-Student għalhekk l-istudju teoretiku sar aktar interessanti. Meta tħabbtu wiċċkom ma' ħaddiema oħra se tiksbu maturità għax se tibdew id-dinja tax-xogħol meta intom tidħlu l-Università.

**"L-Iskema Ħaddiema-Studenti se tagħtikom ukoll garanzija ta' xogħol. M'ilux snin twal, xi sentejn ilu jew tlieta, meta f'din l-istess kamra staqsejt lill-istudenti universitarji ta' qabel x'kienu se jagħmlu bihom infushom meta jispiċċaw il-kors. Ma kenux jafu fejn sejrin, avolja kienu waslu fl-aħħar sena tal-kors tagħhom. Ħafna minnhom kellhom paniku għax riedu jaqilgħu l-flus. Intom mhux hekk. Intom illum stess, fil-bidu tal-kors tagħkom, tafu li għandkom xogħol assigurat. Anke jekk allaħares qatt teħlu f'xi fażi tal-kors, xorta waħda jkollkom ix-xogħol. Aħna mhux ninkoraġġukom biex teħlu fl-eżamijiet, xejn minn dan. Allaħares ġejtu hawnhekk biex tagħmlu ftit ġranet ħa tieħdu job. Dak mhux serjetà. L-ambizzjoni tagħkom, id-determinazzjoni tagħkom, għandha tirrispetta l-intelliġenza tagħkom. Ikun sagrileġġ, ikun dnub li ma tispiċċawx il-kors tagħkom. Però jekk minħabba xi disgrazzja, jew xi mard, ma tkomplux il-kors, għandkom il-job ukoll.**

"M'hemmx ħaġa aktar umiljanti għal bniedem li jkollu 'degree', li jkun qatta' ħajtu l-Università, li meta jispiċċa l-kors ma jsib lil ħadd min iħaddmu. Mhux se noqgħod insemmilkom minn xiex għaddejjin studenti oħrajn fl-Ewropa. Biżżejjed tħarsu lejn l-Italja fejn gradwati iddisprati għax bla xogħol qed iduru kontra l-Istat biex ikissruh u jeqirduh. M'hawnx ħaġa iili tweġġgħek aktar milli wara li tkun għamilt dawk is-sagrifiċċji kollha biex tieħu grad universitarju mbagħad tispiċċa m'għandekx sigurtà fejn taħdem.

"Aħna fittixnilkom il-jobs. Ta' din ma nippretendux li tgħidulna grazzi, imma apprezzament iva. Iżda min jipprova jinħabb magħkom, għaliex se tbati naqra iktar, fakkruh minn xiex għaddew l-istudenti ta' qabilkom. Illum intom sibtu kollox lest. Meta kont student jien ma sibna xejn minn dan. Aħna nippretendu ftit xogħol aktar minn għandkom għaliex għandkom aktar x'tirbħu.

**"B'din l-iskema għandkom aktar vantaġġi milli qatt kellhom studenti li daħlu qabilkom fl-Università. Ma jfissirx li ta' qabilkom kienu xalata. Jien niftakar li kienu jeħlu mill-eżamijiet ukoll u kien hemm min telaq f'nofs kors. Ta' qabilkom kellhom jistudjaw. Intom tridu tistudjaw aktar minnhom.**

"Is-sistema ta' Student-Ħaddiem bil-fors trid tinħadem b'sitt xhur studju u sitt xhur xogħol matul is-sena. Għaliex?

"L-ewwelnett wieħed irid iqis l-interessi ta' min jisponsorjah li jrid isib bilanċ bejn dak li qiegħed fuq il-work phase u dak li qiegħed fuq l-istudy phase. L-istudenti-ħaddiema għandhom x'jirbħu wkoll b'din is-sistema. Huwa mportanti li tibdew tiffaċċjaw il-problemi tax-xogħol minn issa. Tridu taffrontaw problemi ta' studju u problemi ta' xogħol biex intom ma taqtgħux qalbkom u tegħlbu kull problema li tiltaqgħu magħha. Jiena bħalkom kont student. Ma kontx nistudja s-sena kollha. Il-ħajja hija bilanċ. L-istudent ma jistax jingħalaq mal-ktieb is-sena kollha.

"Moħħ intelliġenti jrid ġisem b'saħħtu. Intom għandkom attivitajiet oħra ġol-Campus ta' l-Università. Irid ikun hemm relazzjonijiet sbieħ bejn fakultà u oħra. Tridu torganizzaw attivitajiet sportivi, soċjali u rekreattivi. Għandkom il-mezzi kollha miftuħin biex il-ħajja studenteska tkun waħda sabiħa, interessanti u tiddiskutu l-problemi tagħkom mingħajr preġudizzju. Tħallux li jinbet fostkom spirtu partiġjan. Intom għandkom il-libertà ta' l-opinjoni, u għandkom il-libertà li tikkritikaw u tanalizzaw u ma tħallu lil ħadd jinqeda bikom sabiex igħawweġ il-verità.

**"Irrispettaw lil-lecturers tagħkom. Fl-Università saret żabra biex jibqgħu n-nies li jridu jgħinukom. Ma nittollerawx nies li jridu jfixklukom. Għalhekk għandu jkun hemm ir-relazzjonijiet tajba bejnietkom u l-istaff. Aħdmu id f'id biex ikollkom kors ta' livell ogħla minn ta' qabilkom kif jiena ċert li diġà għandkom preżentement.**

"Huwa wkoll obbligu ta' l-Università li wara kull eżami waqt li tagħtikom ir-riżultat iridu jibgħatuh lill-employer tagħkom. L-employer qiegħed iħallas għalikom biex ikollu l-aħjar prodott. L-employer għandu jkun jaf kif sejjer l-istudent-ħaddiem tiegħu, biex igħinu jimxi 'l quddiem jekk ikun intelliġenti ħafna u jagħtih parir jekk l-istudent ma jmurx tajjeb f'xi suġġett. Aħna għalhekk irridu koordinazzjoni bejn **l-istudent, l-Università** u min **iħaddem.**

"F'kull Fakultà ta' l-Università intom għandkom studenti li jirrappreżentawkom. Konna aħna li għall-ewwel darba tajnikom id-dritt li tirrappreżentaw lilkom infuskom fil-Fakultajiet, fis-Senat u fil-Kunsill. Ħadd qabel ma kien tahulkom dan id-dritt. Illum għandkom id-dritt li titkellmu ġol-fakultà kif għandhom ukoll il-lectureres kif ukoll ir-rappreżentanti ta' min jisponsorjakom. Din hija ħolqa oħra li aħna bnejna fl-Università. Qabel ħadd ma kien jaf x'kien isir fl-Università. Kien għalhekk li ġibna l-industrija ġo l-Università. Il-'Business Studies', 'Administration' u 'Accountancy' u l-Industrija għandhom ir-rappreżentanti ta' l-industriji. Il-Fakultà ta' l-Edukazzjoni tal-Mediċina huma wkoll rappreżentati mid-Direttur us-CGMO rispettivament.

"Aħna rridu li d-dinja ta' barra tkun taf x'inhu jsir fl-Università u l-Università tkun taf x'qiegħed isir fil-pajjiż. Hu għalhekk li l-kurrikulum huwa addattat ma' dik li għandha bżonn l-industrija, l-ekonomija ta' Malta.

**"L-ewwel ġurnata tagħkom fl-Università ma tinsewa qatt. Għamilt dan id-diskors għal ġid tagħkom għax kont student qabilkom. Għidtilkom dan għax naf li għandkom vantaġġi ferm akbar milli qatt kellhom l-istudenti li daħlu fl-Università qabilkom. Iddefendu dawn id-drittijiet. Min ibagħbas f'dawn id-drittijiet itellifkom dak li rnexxielna niksbu għalikom sal-lum.**

"L-Iskema Ħaddiem-Student qiegħda f'idejkom biex tagħtikom garanzija ta' maturità, sigurtà ta' xogħol u edukazzjoni terzjarja aħjar. L-Iskema Student-Ħaddiem tiggarantixxi edukazzjoni tajba lil pajjiżna u tforni lil Malta b'dawk iż-żgħażagħ intelliġenti li kapaċi jmexxu."

Rakkont għat-Tfal

# RIED JIRBAĦ BILFORS



Kienu ilhom bil-pika mill-bidu tas-sena — il-klassi ta' David u ta' Noel. David kien fis-Sitt Sena u ħuh fi klassi iżgħar.

"Is-*Sir* tagħna aħjar minn tagħkom . . ."

"Tagħna *Miss*!" wieġbu Noel.

"Għalhekk! Aħna aktar immorru nżuru postijiet . . ."

"Imma aħna għamilna *play* fil-Għid u intom ma għamiltux."

"Dik *play* tgħidilha?" qallu David b'leħen ta' tmaqdir.

"Mela x'inhi? Għalhekk ma ġejtux tarawha intom . . ."

U kienu jibqgħu sejrin hekk kieku ma daħalx missierhom u x'ħin semagħhom sikkithom u qalilhom: "Intom se ddumu sejrin biha dil-kantaliena, għiduli ħaġa?"

"Dad, għax David il-ħin kollu jgħajjarni li huma aħjar minna . . ."

"Huma min huma?" staqsa missierhom.

"Tal-klassi tagħhom . . ."

"Ibda biex, dawk klassi akbar minnkom; u kieku stess, min ikun aħjar ma joqgħodx igħajjar lill-ieħor. U intom fiex intom aħjar David?" reġa' staqsa l-missier waqt li wrieħ li xejn ma kien qed jieħu pjaċir b'dawk il-piki.

"Għax is-*Sir* tagħna aħjar mill-*Miss* tagħhom . . . u aħna aktar nitgħallmu."

"Dan min qalhulek? U kieku kien veru, int m'għandekx tgħajjar lil ħuk imma tipprova tgħinu . . ."

"Mel'hu ma jgħajjarnix ukoll?"

"Ħażin jagħmel. Ħażin tagħmlu t-tnejn."

Iżda għalkemm fil-qalba ta' qalbhom kienu jafu li missierhom kellu raġun, dak li qalilhom minn widna daħal u mill-oħra ħareġ.

Issa l-piki kienu xi ħaġa ta' kuljum. Qabel l-iskola, meta ma tkunx xita, klikka tfal mill-klassi ta' David u oħra mill-klassi ta' Noel kienu joqogħdu jilagħbu kontra xulxin. U miskin min kien jitlef . . .

Mela darba, l-'għaref' ta' David ġietu idea. Tal-klassi tiegħu kienu għadhom kemm lagħbu kontra ta' ħuh u tilfu, allura fis-saħna li kien, qalilhom: "Nagħmlu logħba oħra għada fil-*ground*. Tiġu? Jew tibżgħu?"

"Aħna nibżgħu? Nibżgħu minnkom?"

"Tilgħabuha mela?"

"Kollox sew. Għada s-Sibt immorru l-*ground*. Wara l-quddiesa."

U l-għada, mingħajr ma tkellmu xejn, iż-żewġt aħwa ħarġu baxx baxx mid-dar u baqgħu sejrin lejn il-*ground* li kien hemm f'tarf ir-raħal. Kienu l-ewwel nies li waslu. Wara ftit bdew ġejjin l-oħrajn: Joe, Ġorġ, Simon, Philip u Charlie tal-klassi ta' David; u Frankie, Charles, Jesmond, Robert u Tony ta' Noel. Barra minnhom kien hemm xi tfal oħra kemm bniet kif ukoll subien li kienu marru biex jaraw u jħeġġu t-*team* tagħhom. Il-*captains* kienu David u Noel. Għollew is-sold u l-partita bdiet. Kulħadd jiġri wara l-ballun u kulħadd ifajjar b'kemm għandu saħħa.

Wara ftit skurjaw ta' Noel. Tridu taraw kemm għajjat u twerżiq. David ma qatax qalbu. Qabad il-ballun, qabbiżha lil xi tlieta u mbagħad fajjar xutt b'saħħtu li Tony il-*goaler* lanqas xammu. Wieħed b'wieħed. Imbagħad reġgħu skurjaw ta' David, u wara ftit, ieħor. Tlieta b'wieħed! Tgħidx kemm tħabtu Noel u sħabu biex iġibu d-*draw*. Fl-aħħar Jesmond tat-*team* ta' Noel irnexxielu jiskorja. Kienu issa tlieta bi tnejn.

Il-partita saħnet sewwa. It-tfal kollha — it-tnax li kienu — kollha bdew jiġru wara l-ballun b'kemm kien baqagħlhom saħħa u bdew jixxuttjaw bl-addoċċ. Fl-aħħar Noel qabad il-ballun u telaq jiġri bih, qabeż lil Joe u lil Ġorġ u mbagħad meta ġie David qabbiżhulu minn fuq rasu u ta xutt li baqa' dieħel. Tlieta bi tlieta!

"Ma jgħoddx" qal David.

# Il-Ħsara tad-Drogi u x-Xorb

- Fuq studji serji li saru fid-dinja kollha, ġie stabbilit li **d-drogi** u **x-xorb** kellhom parti mportanti fil-maġġoranza ta' każi ta' suwiċidji jew delitti.
- Mhux anqas minn 40 fil-mija ta' l-aċċidenti fatali fit-toroq, ikunu dovuti għad-drogi jew ix-xorb. **Ix-xorb ukoll jista' jitqies bħala droga u jnissel ħsara fil-ġisem u fil-moħħ.**
- Fuq kollox, meta nafu li l-vjolenza qegħda dejjem tikber fid-dinja, żgur li kulħadd jaqbel li huwa essenzjali li x-xorb u d-drogi għandhom jiġu kkontrollati bil-mezzi kollha possibbli, b'mod li jitnaqqsu minn fostna dawn il-vizzji koroh li ma jġibux għajr mard u diżastru għal dawk l-imsejkna li jkunu nħakmu minnhom.
- **Huwa d-dover ta' kull individwu li b'ebda mod ma jgħin f'xi traffikar jew użu ħażin tad-drogi u għandu jkun hemm koperazzjoni sħiħa mal-Pulizija dwar kull każ li jsir magħruf.**

"Ma jgħoddx għaliex?" staqsew l-oħrajn kollha f'daqqa.

"Għax Noel ibbuttani qabel skorja."

"Mhux veru!" ipprotesta Noel bil-qawwa, "Tlieta bi tlieta qegħdin."

"Le . . . tlieta bi tnejn . . . dan ma jgħoddx."

"*Draw* qegħdin . . . " qalu l-oħrajn.

"Ma nċedux" żied David, "jew tlieta bi tnejn jew ma nkomplux."

"Mela qed tibżgħu?" staqsa Noel.

"Qed tibżgħu intom"

"Intom qed tibżgħu għax ma tridux tkomplu" tmasħan Noel.

"Insomma! Jew tlieta bi tnejn jew ma nkomplux."

"Iss! Tkomplux" qallu Noel, "l-aqwa li ma rbaħtulniex . . ."

"Mela x'għamilna? Tlieta bi tnejn . . ."

U komplew jillitikaw u l-partita sfrattat. David u sħabu bdew igħajtu *"We are the winners!"* U l-oħrajn irrispondewhom *"We are the champions!"* Wara dan, iż-żewġ naħat infexxew igħajru lil xulxin. F'ħin minnhom Noel qal xi ħaġa lil David u dan mar u fajjarlu daqqa ta' ponn fuq imnieħru u farġu. Noel beda jibki u David x'ħin ra d-demm nieżel beża'.

Dak il-ħin stess, is-surmast ta' l-iskola li kien ħareġ passiġġata bil-kelb inzerta għadda minn ħdejn il-*ground* u x'ħin sema' dak l-istorbju resaq ħalli jara x'ġara. Malli t-tfal rawh tgħidx kemm beżgħu.

"Bravi għalikom! Bravu għalik sur David! Ma kontx naf li inti daqshekk galantom . . . Fraġt lil ħuk." U kif qal hekk sejjaħ lil Noel, ħareġ maktur mill-but, mesaħlu d-demm u għollielu rasu 'l fuq. Meta d-demm waqaf qalilhom b'leħen iebes: "Intom it-tfal li qegħdin hawn, nhar it-Tnejn ibqgħu ġejjin fl-*office.*" Issa morru lejn id-dar.

It-Tnejn fil-għodu t-tfal marru l-*office* kif kien qalilhom jagħmlu s-surmast, u wara li ħadilhom isimhom bagħathom biex jingħaqdu mal-klassijiet tagħhom. Kif kienu miġburin fil-bitħa, is-surmast qal:

"Hawn xi wħud fostkom li għadhom ma jafux x'jiġifieri logħob; illi l-logħob qiegħed biex nieħdu gost u għal xejn iżjed. Hawn xi tfal li jridu jirbħu bil-fors u nisthi ngħid li joqogħdu jgħajru lill-oħrajn u anki jiġġieldu. Wieħed, saħansitra wasal biex weġġa' u faraġ lil ħuh." Wiċċ David sar lewn il-peprina u dak il-ħin xtaq l-art tibilgħu. "Jiena" kompla s-surmast, "għidtilkom kemm-il darba li l-logħob qiegħed biex nieħdu saħħitna u nirrikrejaw ruħna. Fil-logħob xi ħadd irid jirbaħ u xi ħadd jitlef. Milli jidher hawn xi wħud li ma jridux jitgħallmu. Mela se jkolli ngħallimhom bil-fors. It-tfal li se nsemmi mhux se nħallihom jilagħbu, la mal-klassi tagħhom u wisq inqas ma' l-iskola, sakemm ngħid jien, sakemm jidhirli li tgħallmu jġibu ruħhom waqt il-logħob. It-tfal huma dawn: "David . . . "

Is-surmast semmiehom wieħed wieħed. Ma ħafirha lil ħadd. Kien kastig aħrax għax ħafna mit-tfal kienu fit-*team* ta' l-iskola li kien se jilgħab għat-tazza.

Għal David kien disappunt doppju wara l-kastig aħrax li kien tah missieru s-Sibt, meta sar jaf x'kien għamel lil ħuh. U kien jistħoqqlu.


*L*-M.M.U. *toffrilek*

**PRODOTTI ĠENWINI**

**Hu ħsieb li l-familja tiegħek tieħu l-aħjar**



ĦALIB FRISK

MILK SHAKES

JOGURT

KREMA FRISKA

*Dejjem itlob prodotti ta' l-M.M.U.*

# IBŻA' GĦALL-ILMA





QATT TĦALLI VIT IQATTAR

FEJN TISTA' UŻA DEJJEM L-ILMA TAL-BIR



B'DOĊĊA TAĦLI INQAS ILMA MILLI TIMLA BANJU SĦIĦ

TUŻAX IL-'FLUSHING' AKTAR MILLI MEĦTIEĠ

ŻOMM IL-BJAR NODFA BIEX L-ILMA JKUN NADIF



IRRAPORTA MILL-EWWEL ĦSARAT FIL-KANEN TA' L-ILMA

QATT ISSAQQI SIĠAR BL-ILMA TAL-VIT



META TAĦSEL KAROZZA UŻA L-BARMIL MHUX 'PIPE' MAL-VIT

TAĦSILX IDEJK TAĦT VIT MIFTUĦ



TISTA' TUŻA BARMIL ILMA TAL-ĦASIL FLOK 'FLUSHINGS'

NAQQAS L-AMMONT TA' ILMA FIL-'FLUSHING'

L-ILMA TAL-BIR AĦJAR MINN TAL-VIT GĦAT-TISQIJA U L-ĦASIL



**TAĦLIX**



# L-IKEL

Ħafna ħuma dawk li xi darba jew oħra kienu għamlu ħilithom biex jirqaqu. Proponimenti dejjem isiru. Jibdew biex jimxu fuq dieta; imma wara ftit jiem jaqtgħu qalbhom u jerġgħu għal li kienu. Dan il-fatt jiġri ta' spiss għaliex huwa ferm diffiċli li wieħed ikollu aptit xi ħaġa x'jiekol u ma jeħodhiex.

**Min irid inaqqas il-piż, jew inkella jżomm kif inhu, għandu jiftakar dan; il-moderazzjoni u l-bilanċ huma ħafna iżjed importanti minn dieta nfisha. Jekk tipprova tnaqqas mill-piż jew le, ftakar li dan li ġej huwa ta' ħtieġa biex tistimula d-diġestjoni, u biex ittejjeb saħħtek:**

Aqsam l-ikel ta' matul il-ġurnata fi tlett darbiet u tippruvax xi dieti strambi. Għandek dejjem tiftakar li għandek tnaqqas kemm jista' jkun l-użu tax-xaħmijiet. Hemm x'juri li livell għoli ta' kolesterol fid-demm jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa; u dan il-livell ta' kolesterol jista' jitbaxxa billi jsiru xi tibdiliet fid-drawwiet tagħna ta' l-ikel.

**Neħħi x-xaħam minn mal-laħam qabel ma ssajru. Uża żejt veġitali bħal 'corn oil' u oħrajn simili. Naqqas kemm jista' jkun l-użu tal-butir u ħu minflok il-margarina. Fuq kollox tiekolx porzjonijiet kbar. Naqqas ftit ftit mill-ikel li tkun soltu tieħu u b'hekk ma tkunx qed tgħabbi iżżejjed l-istonku u tidra tiekol kemm meħtieġ mingħajr tbatija.**

Jekk taqta l-ikel f'daqqa huwa ferm ħażin, għaliex moħħok ikun ħsiebu fl-ikel il-ġurnata kollha b'detriment kbir għal saħħtek. Iżda, jekk tnaqqas bil-mod il-mod, anqas biss tinduna.

Wieħed mill-affarijiet li għandek taqta huwa z-zokkor; ħaġa li żgur kulħadd jista' jgħaddi mingħajru. Idra u għamel użu minn ikel li, barra li ma jħaxxnekx, ikun ta' ġid għal saħħtek. Tajjeb ħafna li wieħed jiekol il-frott u xi ħxejjex bil-qoxra b'kollox. Ikel raffinat idarri l-imsaren ikunu għażżenin B'konsegwenza ta' konstipazzjoni li din iġġib magħha nuqqas ta' ħeġġa u tbatija oħra jekk mhux mard. Ħaġa ħażina ferm min għandu din il-problema tal-konstipazzjoni hija li jidra jieħu l-pilloli u jsir jiddependi minnhom.

**Trid tidra wkoll tnaqqas il-melħ. Użah biss fit-tisjir. U biex tagħti aktar togħma lill-ikel idra uża ħxejjex aromatiċi.**

**Il-kafe u t-te fil-moderazzjoni huma tajbin, imma wisq kaffeina tista' tqabdek nervi u anki l-effett tagħha fuq il-ġilda mhux tajjeb. Tista' tidra tuża te ta' ħxejjex oħra bħal ngħidu aħna tal-kamumilla.**

L-inbid huwa tajjeb għas-saħħa speċjalment wara l-ikel għad-diġestjoni. Ixrob bil-għaqal.

Fl-aħħar, ta' min igħid, li meta tkun qed tiekol għandek tagħmel minn kollox biex l-ikla, minbarra li tkun nutrittiva, tkun ukoll pjaċevoli. Ħafna nies tarahom jieklu bil-ħatfa qisu xi ħadd qed jiġri warajhom u se jisirqilhom li jkollhom quddiemhom. Dan naturalment huwa ħażin ferm. Bħal f'kull ħaġa oħra, l-ikel għandu jieħu ż-żmien tiegħu. Esperimenta f'xi riċetti ġodda u tejjeb il-palat bi ħxejjex aromatiċi u ħwawar esotiċi.

# L-ILBIES TAT-TIEĠ

**X'se jilbsu l-ġenituri ta' l-għarajjes għaċ-ċerimonja tat-tieġ?**

**L-aħjar ħaġa hi li l-għażla ta' l-ilbies titħalla kompletament f'idejhom, u mhux f'idejn il-familjari taż-żewġ naħat. L-ommijiet bejniethom għandhom jiddeċiedu ta' liema kulur ser jagħmlu l-libsa biex jevitaw li dak in-nhar ikunu lebsin l-istess kulur. Imbagħad jiddeċiedu fuq il-qata' li għandha tkun skond il-gosti tagħhom personali. Mara, meta tkun waslet f'ċerta età, aktarx li tkun taf x'jixirqilha aktar milli jista' jgħidilha ħaddieħor.**

**Naturalment kulħadd jieħu gost jieħu xi parir dwar il-mudell u l-kulur. Imbagħad, naturalment, hemm xi regoli li jridu jiġu mħarsa. Dawn huma: li għandu jintlibes il-kappell għal tieġ fil-għodu. Għal-tieġ ta' fil-għaxija m'hemmx għalfejn tintlibes libsa twila, għax din hi kwistjoni ta' gosti. Fil-għaxija l-omm tista' tilbes fuq rasha xi ħaġa żgħira bħal montatura tar-rix jew tal-fjuri, li ma tkunx prominenti ħafna, u li tkun tagħmel parti mill-istil li jiġi mogħti lix-xagħar u li tkun taqbel mal-libsa. Il-kulur tal-libsa ġeneralment jiġi magħżul fost dawk li huma l-aktar moda u naturalment li jixirqu l-aktar.**

**Importanti ferm huma l-aċċessorji.Dawn għandhom ikunu jaqblu sew mal-libsa. Ġeneralment il-kappell, iż-żarbun u l-'handbag' iridu jkunu ta' l-istess kulur.**

**Fil-għodu għandhom jintlibsu l-ingwanti, dejjem preferibbilment tal-ġilda.**

**Biex wieħed jirnexxilu kollox u kif tixtieq qalbu għandu jaħseb minn qabel u fuq kollox ikun ċert minn dak li jrid minn kmieni.**

**Hawnhekk semmejna biss xi affarijiet dwar l-ilbies ta'l-ommijiet ta' l-għarajjes għax il-missirijiet ma jkollhomx minn dawn il-problemi. Dawn però għandhom jilbsu l-istess bħal dawk tax-xhieda, tal-'bestman' u ta' l-'ushers'. Ġeneralment fil-għodu tintlibes il-'morning suit' griża jew inkella ġakketta griża u qalziet irrigat irqiq. Naturalment skond il-libsa għandu jkun il-kulur tat-tomna, flimkien ma' l-ingwanti u ngravata griżi ċari.Fil-għaxija tintlibes id-'dinner jacket' jew inkella t-'tails'.**

# TISJIR

## ĦUT BIZ-ZALZA AIOLI

**Għal 6 persuni**

**Ikollok bżonn**

Tliet ħutiet bħall-kaħli, sargi, jew anki lampuki, maqsumin min-nofs u mingħajr xewk, biex hekk ikollok 6 fletti; dada tal-brodu taċ-ċanga; butir.

**Bħala kontorn:** 1 kg patata mdaqqsa; ftit tursin imqatta' rqiq; u melħ.

**Għaz-zalza aioli:** Bejn 10 u 12-il sinna tewm imqaxxrin; żewġ isfra tal-bajd; mgħarfa u nofs meraq tal-lumi; kwart ta' litru jew ftit inqas żejt (preferibilment taż-żebbuġa); bżar u melħ.

**Metodu**

Qaxxar il-patata, poġġiha ġo borma bl-ilma kiesaħ, itfa' ftit melħ u ħalliha ssir sew imma mingħajr ma titfarrak. Sadanittant poġġi l-fletti tal-ħut ġo dixx tal-forn, ħoll id-dada f'daqsxejn misħun u ferrxu fuq il-ħut; ara li dan ma jkunx igħatti l-ħut għal kollox. Għatti d-dixx b'folja ta' l-aluminju, u aħmi ġo forn sħun, mingħajr ma tħalli l-meraq jibda jagħli. Biex tkun żgura li l-ħut ikun ħa nar biżżejjed, meta l-meraq jibda jbaqbaq, baxxi l-forn u ħalli l-ħut għal 5 minuti oħra jsiru. Meta jkunu lesti, saffi l-patata, poġġiha ġo dixx li tkun isservi fih, ifrex il-ħut fuqha, u żejjen bit-tursin imqatta'. Servi mill-ewwel maz-zalza aioli li ssir hekk: isħaq it-tewm ġo meris, żid l-isfra tal-bajd, nofs kuċċarina melħ, ftit bżar iswed midħun dak il-ħin, u ibda żid iż-żejt bil-mod il-mod, u ibda ħawwad b'mgħarfa ta' l-injam, l-istess bħal meta tagħmel il-majoneż. Meta tara li z-zalza qed tagħqad wisq, ibda itfa' ftit meraq tal-lumi. Meta tara li din hija lesta, duqha u jekk jidhirlek żid ftit meraq tal-lumi; u jekk hemm bżonn bżar u melħ.






# IL-QRATI



Hekk kif tela' l-Gvern Soċjalista f'Ġunju ta' l-1971 mill-ewwel ħa l-inkarigu li kif wiegħed qabel l-elezzjoni jressaq dawk l-emendi kollha neċessarji sabiex iħaffef il-proċedura fil-Qrati ta' dawn il-Gżejjer.

L-ewwel emenda tressqet fl-1971 u din fl-ewwel parti tagħha żiedet is-somma ta' flus li biha kienet tiġi determinata jekk il-kawża tinstemax fil-Qorti t'isfel jew ta' fuq. It-tieni parti żiedet ukoll is-somma li fuqha tista' tagħmel impediment ta' safar u neħħiet il-priġunerija għad-dejn. It-tielet parti iddeterminat li biex ikollok l-għajnuna ta' l-avukat tal-fqar irid ikollok propjetà ta' mhux aktar minn £M500 u dħul ta' mhux aktar minn £M500 (qabel kemm għall-propjetà u kemm għad-dħul, is-somma kienet £M25). Ġie deċiż ukoll li dan is-servizz ta' avukati ta' l-elenku hu servizz soċjali u dmir ta' l-Istat li jipprovdih.

Emenda oħra mressqa fl-1974 kienet tgħid li xhud li ma jħaddanx ir-reliġjon Kattolika Rumana għandu jaħlef bil-mod li hu jidhirlu li hu l-akbar rabta għall-kuxjenza tiegħu. Fl-1975 tressqet emenda li neħħiet il-Qrati superjuri u l-Qrati t'isfel bħala żewġ Qrati differenti.

L-emenda għaqdet dawn iż-żewġ Qrati taħt il-"Qrati ta' Malta" biex b'hekk inħolqot flessibilità bejn l-uffiċjali u x-xogħol seta' jimxi aħjar. Din l-emenda ipprovdiet ukoll li mpediment fuq safar ma jistax jibqa' pendenti u li għalih trid issir kawża fi żmien għaxart ijiem.

Fl-1975 tressqet emenda oħra li biha tneħħiet l-immunità minn fuq l-Isqfijiet u l-President barra meta dan ta' l-aħħar ikun fuq xogħol uffiċjali. Fl-1976 fejn kienet tissemma l-Kuruna jew Maestà Tagħha tbiddel kollox għal Repubblika jew President tar-Repubblika.

Fl-1977 tressqet emenda mportanti li biha l-ebda avukat Membru Parlamentari ma jista' jieħu kawża li tkun kontra l-Gvern. Din saret biex ma jsirx kapital politiku minn kawżi fil-Qrati.

L-emenda li tressqet fl-1978 aċċettat il-prinċipju tat-tape recorders fil-Qorti flimkien max-shorthand. Minn din is-sena t-tape recorders daħlu għal kollox fil-Qorti u s-seduti bdew jiġu rekordjati. Din l-emenda ta' l-1978 abbolit dawk l-espressjonijiet insolenti u offensivi u l-Qorti tista' jew taqtagħhom mid-dokument jew tneħħi d-dokument kollu mir-rekord tal-proċess.

Fl-1979 tressqet emenda li ċitazzjoni trid bilfors tkun maħlufa u pprovdiet ukoll li biex

titħaffef il-proċedura l-Qorti tista', biex ix-xhieda ma jitilgħux għal xejn, tagħti 'in camera' dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa. Ir-Reġistratur imbagħad jinforma lill-avukati u l-partijiet bl-ordni tal-Qorti. Din l-emenda pprovdiet ukoll li l-kopji li jkunu meħtieġa jiġu ppreżentati mill-partijiet stess minflok isiru mill-Qrati, in-notifika tista' ssir bil-posta u mhux bilfors mill-marixxal u li l-atti li jiġu ppreżentati fil-Qorti jkunu numerati.

Fl-1980 tressqu żewġ emendi mportanti. L-ewwel waħda stabbiliet li insulti jistgħu ma jintlaqgħux mir-Reġistratur tal-Qorti, li fil-Qrati t'isfel ikun biżżejjed li x-xhieda titniżżel fil-qosor u li meta jkun hemm żball f'xi att tat-twelid, żwieġ jew mewt, il-kawża ssir b'xejn. It-tieni emenda kienet tgħid li ċerti mandati t'urġenza fejn il-firma ta' l-Imħallef jew Maġistrat ma tkunx tista' tinkiseb minnufih u li d-dewmien jista' jkun ta' preġudizzju, ikun biżżejjed li jiġu ffirmati mir-Reġistratur personalment.

F'dak li jirrigwarda t-tħaffif ta' proċeduri fil-Kriminal, wieħed ma jistax ma jsemmix liġi li għaddiet mill-Parlament fid-9 ta' April 1980 li kienet tgħid prinċipalment sabiex tiżdied il-kompetenza tal-Maġistrati. Issa sabiex tgħaddi ġuri l-piena trid taqbeż l-4 snin, fejn qabel kienet sentejn.

L-istess liġi ħasbet ukoll sabiex titħaffef il-proċedura fil-Kriminal kif ħasbu wkoll diversi emendi oħra li saru tul dawn l-aħħar 9 snin. Hekk wieħed ma jdumx jistenna ħafna l-ġuri.

Fil-bidu ta' din is-sena l-Gvern Malti ppropona għall-konsiderazzjoni tal-Parlament tibdil fis-sistema ġudizzjarja tal-Qrati Maltin.

Ir-riforma ewlenija hija t-twaqqif ta' Kummissjoni magħmula minn nies ta' esperjenza fid-diversi oqsma tal-ħajja biex iżżomm taħt għajnejha l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan bl-ebda mod ma jfisser li l-Imħallfin u l-Maġistrati se jkunu mxekkla fil-qadi ta' dmirijiethom, u x'għandhom jiddeċiedu f'kawża.

Din il-Kummissjoni tressaq ir-rapport tagħha quddiem il-Parlament almenu darba fis-sena. Madankollu l-Kummissjoni għandha l-jedd ukoll li kull meta tħoss il-ħtieġa tirrakkomanda xi tibdil anki fil-liġijiet biex l-affarijiet ikunu jistgħu jimxu aħjar.

Xogħol ieħor ta' din il-Kummissjoni huwa li tistħarreġ ilmenti li jsirulha dwar il-qagħda fil-Qrati u fil-professjoni legali, kif ukoll ilmenti mressqa quddiemha miċ-ċittadini dwar xi mġieba ħażina ta' avukati u prokuraturi legali fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom.

Riforma oħra mressqa mill-Gvern Laburista tolqot id-diferimenti tal-kawżi. B'din il-liġi d-diferimenti jsiru biss għax ikun essenzjali li kawża tiġi diferita.

Il-bqija tar-riformi jittrattaw l-aktar fuq is-setgħat tal-Qrati fuq il-ħidma tal-Gvern. Ħafna kwistjonijiet bħal dawn kienu jiġu regolati minn prinċipji tad-dritt kostituzzjonali u amministrattiv Ingliż, fejn l-ebda liġi Maltija ma tipprovdi xorta oħra. Għaldaqstant biex jimtela dan il-vojt u l-pożizzjoni legali tiġi iċċarata l-Gvern, skond il-Kostituzzjoni, ippropona din il-liġi dwar ir-Riformi fil-Qrati għall-konsiderazzjoni tal-Parlament li huwa l-ogħla istituzzjoni fil-pajjiż. Hekk il-Qrati jkollhom il-liġi li jridu jimxu fuqha u bi dritt li l-aħħar kelma għandha tkun tar-rappreżentanti tal-poplu.

Il-Parlament fuq rakkomandazzjonijiet li jsirulu mill-"Kummissjoni Hidma fil-Qrati" ikun jista' jikkonsidra riformi oħra għal sistema aktar effiċjenti fil-Qrati Maltin.


**For all your banking requirements**

Purchase and Sale of Travellers Cheques (We sell Sterling, U.S.$, D.M. and Swiss Francs Travellers Cheques) ● Purchase and Sale of Foreign Currency Bank Notes ● Current Accounts ● Savings Accounts ● Fixed Deposits ● Loans ● Overdrafts ● Investment Services ● Safe Custody ● Transfer of Funds to any part of the world in any currency (By Mail, Cable or Telex) ● Eurocheque Card Service ● External Malta Pounds Accounts ● Foreign Currency Accounts ● Documentary Credits (Sight and Acceptance) ● Handling of Import and Export Documents ● Discounting of Commercial Paper ● Intelligence Reports and Trade Enquiries ● Bankers Orders, etc.

**Lombard Bank (Malta) Limited**
Lombard House, Republic Street, Valletta.
Tel: 620631/2, 620443. Telex: MW 379.

Lombard Bank (Malta) Limited is a member of the National Westminster Bank Group whose Capital and Reserves exceed £1,800,000,000 Sterling.

# Jitkellem l-Avukat

**Dawn huma tweġibiet għal każi ġenerali u għalhekk f'kull każ partikulari wieħed għandu jieħu parir legali.**

*Jiena noqgħod f'dar li kienet mogħtija b'ċens għal mitt sena. Iċ-ċens għalaq ħames snin ilu, u jiena qiegħed fid-dar, issa, b'kera. Jien xtaqt nixtri d-dar li minnha anki jien għandi sehem, imma s-sidien l-oħrajn ma jistgħux jaslu fi ftehim. Jien xi drittijiet għandi?*

La ċ-ċens għalaq ħames snin ilu, u inti ġa qiegħed fid-dar bħala kerrej, ma tistax tipprofitta ruħek mill-Att 23 tal-1979 biex iċ-ċens isir perpetwu. Min-naħa l-oħra, bħala kerrej, għandek id-dritt titlob li l-ispejjeż straordinarji li hemm bżonn, isiru mis-sidien l-oħra u minnek stess bħala sid. Però tinsiex li b'hekk sid il-kera jkun jista' jgħollilekil-kera, iżda mhux aktar middoppju.

*Min jikrilek kamra bħala store, jista' igħollilek kemm irid?*

Le. Fil-bidu, billi store jew maħżen, hu fond kummerċjali, jista' jitlob kemm irid. Però ma jistax imbagħad igħolli mingħajr ma jġib il-Bord tal-Kera. Fil-każ ta' store jew ħanut, il-Bord jista' jew igħolli, jew iħalli l-kera kif ikun. Ibaxxi l-kera ma jistax; fil-waqt li fil-każ ta' djar ta' abitazzjoni, l-Bord jista' anki jbaxxi l-kera.




CONTACT FORESTALS LTD.
THE CARPET CLEANERS
Telephone 32180


*Jiena kont iżżewwiġt ma' raġel armel, imdaħħal fiż-żmien. Ftit ġranet qabel it-tieġ, dan ir-raġel għamilli donazzjoni ta' dar b'kuntratt. Issa żewġi miet bla testment. Meta ġejna biex naqsmu l-wirt, jiena u uliedi tal-ewwel żwieġ, dawn qaluli li d-dar li missierhom kien tani b'donazzjoni trid tgħodd akkont ta' sehemi. Dan veru?*

Iva, jekk fil-kuntratt ta' donazzjoni żewġek ma eżentakx mill-obbligu tal-kollazzjoni. Qabel xejn, mur għand in-nutar u staqsih jekk hemmx imniżżla din l-eżenzjoni, Jekk mhix imniżżla, allura ulied żewġek għandhom favur tagħhom l-artikolu 867 tal-Kodiċi Ċivili li igħid li min, fost ir-raġel u l-mara, jibqa' ħaj wara l-ieħor, meta jiġi biex jaqsam ma' werrieta oħra, għandu jgħodd akkont ta' sehemhu dak kollu li jkun kiseb minn għand il-mejjet, imqar b'donazzjoni qabel iż-żwieġ.

*Jiena kont issellift somma ta' flus, minn għand ħabib, għaliex qiegħed nibni. Għamilna ftehim bi skrittura privata fejn jien ippromettejt li inreġġa' lura din is-somma 'meta nista' ". Issa għaddew kważi ħames snin, u għadni m'inix f'pożizzjoni li nħallas. Imma dak li silifni il-flus bgħatli ittra uffiċjali fejn heddidni li jekk ma nħallasx fi żmien ħmistax-il ġurnata jieħu passi kontra tiegħi bil-Qorti. Jista jagħmel dan, meta jien obbligat li nerġa' nagħtih flusu* **'meta nkun nista'**'*?*

Iva, jekk ma tħallasx, il-kreditur għandu d-dritt kollu li jfittxek bil-Qorti, speċjalment billi s-self ilu li sar kważi ħames snin, kif ktibtli inti stess. L-artikolu 2261(f) igħid li l-azzjoni biex jintalab il-ħlas ta' self ta' flus tispiċċa bi-egħluq ta' ħames snin, meta s-self ma jkunx sar b'att pubbliku. Veru li f'każ bħal dan, id-debitur jista' jingħata l-ġurament. Imma mbagħad hemm anki artikolu ieħor favur dak li għandu jieħu minn għandek — l-artikolu 1121. Dan l-artikolu jgħid li meta debitur u kreditur jiftehmu li d-debitur iħallas 'meta jkun jista' ', il-ħlas irid isir fi żmien sentejn jekk is-somma trid tingħata mingħajr imgħax. Jekk fl-iskrittura privata kontu ftehmtu li inti trid tħallas l-imgħax, allura l-ħlas irid isir fi żmien sitt snin mid-data tal-iskrittura privata.

*Fit-testment tal-ġenituri tiegħi, issa mejtin it-tnejn, hemm kliem 'legatarju', 'prelegatarju' u 'werriet'. X'differenza tgħaddi bejn dawn it-tliet kelmiet? Min imissu xi ħaġa b'testment mhux dejjem werriet?*

Le. Tant hu hekk, li meta f'testment jiġu mħollijin xi legati, **il-werrieta** huma obbligati li jagħtu dawn il-legati. Per eżempju jekk testatur iħalli, b'titolu ta' legat, xi somma flus lil xi persuna jew lil xi istitut ta' benefiċenza u jinnomina werrieta lil uliedu, dawn l-ulied, bħala werrieta, huma obbligati jqassmu l-legati, qabel ma jaqsmu l-wirt; anzi obbligati wkoll li jħallsu d-dejn tat-testatur, jekk ikun hemm. Għalhekk il-werrieta jistgħu jaċċettaw jew jirrinunzjaw għall-wirt. Il-werriet, meta jaċċetta l-wirt, jidħol għal kollox — għall-ġid u għad-deni. Kwantu għad-differenza bejn 'legatarju' u 'prelegatarju' ftakar li meta testatur iħalli xi legat lil xi ħadd mill-werrieta, dan il-werriet, billi **qabel** jieħu l-wirt irid jieħu l-legat li ħallielu t-testatur, jissejjaħ 'prelegatarju' u l-legat tiegħu jissejjaħ 'prelegat'.

DREAMPAEDIC
HEALTH MATTRESS

DREAMLAND
FOLDING CHAIR









DREAMLAND
GARDEN FURNITURE

DREAMLAND
UPHOLSTERY

GUARANTEED

# DREAMLAND

BEDDING CO. LTD.

FACTORY:-
ST. LAWRENCE STREET,
B'KARA, MALTA.
TEL: 40345

SHOWROOM:-
397, FLEUR DE LYS RD.,
B'KARA, MALTA
TEL: 40345

# Użu tajjeb mis-servizzi tal-Mid-Med Bank jagħmel il-ħajja iżjed faċli

Meta tagħraf tuża tajjeb is-servizzi li joffrilek il-Mid-Med Bank il-ħajja ssir iżjed faċli.

Meta tiftaħ kont kurrenti li permezz tiegħu tkun tista' tħallas biċ-ċekk, issib li qed isserraħ rasek li flusek jinsabu fis-sod, filwaqt li tevita ħafna ġiri u taħbit.

Issib ukoll li mhux diffiċli li tagħmel arranġamenti biex tissellef flus għal ħtiġijiet li jistgħu jinqalgħu.

Bħalma hemm ħafna servizzi utli għal kulmin għandu jew qed jippjana li jkollu xi negozju.

Fuq kollox, il-Managers tal-Mid-Med Bank huma mħarrġin biex jgħinuk b'pariri li tkun tinħtieġ.

**Mid-Med Bank**

**Uffiċċju Prinċipali: 233 Triq ir-Repubblika, Valletta.**

**Tel: 62528T. 38 Fergħa f'Malta u Għawdex.**

Mid-Med Bank

*il-bank tiegħek*